ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 200

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

31 ta' Lulju 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom** ([1]) ........ 1

★ **Regolament (KE) Nru 662/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar materji partikolari li jikkonċernaw il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali** ........ 25

★ **Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku permezz tal-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija** ........ 31

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 664/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet f'materji matrimonjali, materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri u materji marbuta mal-obbligi ta' manteniment, u l-liġi applikabbli f'materji marbuta mal-obbligi ta' manteniment** ........ 46

**Rettifika**

★ **Rettifika għar-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE** (ĠU L 188, 18.7.2009) ........ 52

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

2

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (KE) Nru 661/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### tat-13 ta' Lulju 2009

### dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu *skont* il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Is-suq intern huwa magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment ħieles tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital. Għal dan l-għan teżisti sistema komprensiva Komunitarja għall-approvazzjoni tat-tip għal vetturi bil-mutur stabbilita bid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva ta' Qafas) ([3]).

(2) Dan ir-Regolament hu regolament separat għall-finijiet tal-proċedura Komunitarja tal-approvazzjoni tat-tip prevista mid-Direttiva 2007/46/KE. Għalhekk, l-Annessi IV, VI, XI u XV għal din id-Direttiva għandhom jiġu emendati skont dan.

(3) Dan ir-Regolament huwa bla ħsara għall-proċedura sħiħa tal-approvazzjoni tat-tip ta' stadju wieħed u tat-tip imħallat stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2007/46/KE.

(4) Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' ħafna elementi ta' sikurezza u dawk ambjentali ġew armonizzati fil-livell Komunitarju sabiex jiġu evitati rekwiżiti li jvarjaw bejn Stat Membru u ieħor, u biex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza fit-triq u ta' protezzjoni ambjentali fil-Komunità kollha.

(5) Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu wkoll l-għan li jtejjeb il-kompetittività tal-industrija Komunitarja tal-vetturi filwaqt li jippermetti lill-Istati Membri li jeżerċitaw sorveljanza effettiva tas-suq biex tkun assigurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-approvazzjoni dettaljata tat-tip f'dan ir-Regolament f'dak li jirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-prodotti kkonċernati.

(6) Hu xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti kemm dwar is-sikurezza ġenerali ta' vetturi bil-mutur kif ukoll dwar il-prestazzjoni ambjentali tat-tajers, minħabba d-disponibilità tas-sistemi għal monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers li jtejbu fl-istess waqt is-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali tat-tajers.

(7) Fuq talba tal-Parlament Ewropew, ġie applikat approċċ regolatorju ġdid fil-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-vetturi. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jistabbilixxi biss dispożizzjonijiet fundamentali dwar is-sikurezza ta' vetturi u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ħsejjes minn tajers filwaqt li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu stabbiliti b'miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([4]).

([1]) Opinjoni tal-14 ta' Jannar 2009 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2009 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009.

([3]) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(8) B'mod partikolari l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi l-proċeduri speċifiċi, testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, komponenti u unitajiet tekniċi separati; li tiddefinixxi b'mod aktar preċiż l-karatteristiċi li tajer għandu jissodisfa biex jiġi definit bħala "tajer ta' użu speċjali", "tajer professjonali off-road", "tajer imsaħħaħ", "tajer *extra* load", "tajer tax-xitwa", "Spare tajer tip T għal użu temporanju" jew "traction tajer"; li tistipula r-rekwiżiti ta' sikurezza għal vetturi intenzjonati għal ġarr ta' merkanziji perikolużi fit-toroq bejn jew fl-Istati Membri; li teżenta ċerti vetturi jew klassijiet ta' vetturi fi ħdan il-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$ and $N_3$ mill-obbligu li jinstallaw sistemi avvanzati ta' brejking ta' emerġenza u/jew sistemi ta' twissija ta' ħruġ mill-karreġġata; li temenda l-valuri ta' limitu dwar ir-reżistenza tat-tidwir u l-ħsejjes tat-tidwir għal tajers bħala riżultat ta' bdil fil-proċeduri tat-test, mingħajr ma jitbaxxa l-livell ta' protezzjoni tal-ambjent; li tistabilixxi regoli dwar il-proċedura għad-determinazzjoni tal-livelli ta' ħsejjes fit-tajers; li tqassar iż-żmien għall-bejgħ ta' tajers li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu; u li temenda l-Anness IV biex jinkludi r-Regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (Regolamenti tal-UNECE) li huma obligatorji skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan li l-Komunità Ewropea taderixxi mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ewropa li tikkonċerna l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u parts li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet [1]. Billi dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi, inter alia, jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(9) Barra l-inizjattiva attwali tal-Kummissjoni bil-għan li tiddefinixxi sistema ta' gradazzjoni tat-toroq, il-Kummissjoni għandha, fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tressaq proposta dwar il-klassifikazzjoni tat-toroq tal-UE skont l-ammont ta' storbju li jiġġeneraw li għandha tikkumplimenta it-tfassil ta' mapep tal-istorbju fit-trasport bil-vetturi tal-mutur bil-għan li jiġu ffissati prijoritajiet xierqa u rekwiżiti tal-uċuħ tat-toroq u l-iffissar ta' limiti massimi ta' storbju fit-toroq.

(10) Progress tekniku fil-qasam tas-sistemi avvanzati ta' sikurezza għal vetturi joffri possibbiltajiet ġodda għal tnaqqis fin-numru tal-vittmi. Sabiex jiġi minimizzat l-għadd ta' vittmi jeħtieġ li jiġu introdotti xi whud minn dawn it-teknoloġiji ġodda rilevanti.

(11) L-użu obbligatorju u konsistenti tal-aktar teknoloġiji moderni ta' manifattura ta' tajers u ta' tajers b'resistenza baxxa għat-tidwir se jkun essenzjali għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra tat-traffiku bit-triq fis-settur tat-trasport, filwaqt li fl-istess ħin jiġu promossi l-innovazzjoni, l-impjiegi u l-kompetittività tal-industrija Komunitarja tal-vetturi.

(12) Sabiex tiġi simplifikata l-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip skont ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Rapport finali tal-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21, ikun xieraq li jiġu mħassra diversi Direttivi mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' protezzjoni tal-utenti tat-triq. Ir-rekwiżiti definiti f'dawn id-Direttivi għandhom jitpoġġew f'dan ir-Regolament u għandhom jiġu sostitwiti, fejn xieraq, b'referenzi għal regolamenti korrispondenti tal-UNECE, kif inkorporati fil-liġi Komunitarja skont id-Deċiżjoni 97/836/KE. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip ikun xieraq li l-produtturi tal-vetturi jitħallew jagħmlu approvazzjoni tat-tip għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u, fejn ikun il-każ, direttament billi tinkiseb approvazzjoni skont ir-Regolament rilevanti tal-UNECE kif elenkat fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

(13) Hu xieraq li vetturi jiġu disinjati, mibnija u montati b'mod li jiġi minimizzat ir-riskju ta' korriment għall-okkupanti tagħhom u l-utenti l-oħra tat-triq. Għal dan l-għan, hu neċessarju li l-manifatturi jiżguraw li l-vetturi jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-miżuri implimentattivi tiegħu. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu, iżda mhux ikunu limitati għal, rekwiżiti relatati mal-integrità strutturali tal-vettura, sistemi ta' għajnuna fil-kontroll tal-vettura mis-sewwieq, sistemi li jipprovdu lis-sewwieq viżibilità u informazzjoni dwar l-istat tal-vettura u tal-inħawi madwar il-vettura, is-sistemi ta' dwal tal-vetturi, is-sistemi ta' protezzjoni tal-okkupant, il-parti esterna u l-aċċessorji tal-vettura, il-piżijiet u d-dimensjonijiet tal-vettura, it-tajers tal-vettura u s-sistemi avvanzati tal-vettura u aspetti varji oħra. Barra minn hekk, hu neċessarju li l-vetturi jikkonformaw ma' dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' ċerti vetturi ta' merkanzija u t-trejlers tagħhom, jew dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-karozzi tal-linja, skont il-każ.

(14) L-iskeda taż-żmien għall-introduzzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi ġodda għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi għandha tieħu kont tal-fattibilità teknika ta' dawn ir-rekwiżiti. B'mod ġenerali, ir-rekwiżiti għandhom inizjalment japplikaw biss għal tipi ġodda ta' vetturi. It-tipi ta' vetturi li diġà jeżistu għandhom jingħataw żmien addizzjonali biex jikkonformaw mar-rekwiżiti. Barra minn hekk, stallazzjoni mandatorja ta' sistemi għal monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers għandha inizjalment tapplika biss għall-vetturi tal-passiġġieri. Stallazzjoni mandatorja ta' strumenti avvanzati oħra ta' sikurezza għandha inizjalment tapplika biss għal vetturi kbar tal-merkanzija.

(15) Il-Kummissjoni għandha tkompli tevalwa l-fattibilità teknika u ekonomika u l-maturità tas-suq ta' karatteristiċi avvanzati oħra ta' sikurezza, u tippreżenta rapport, inkluż, jekk ikun xieraq, proposti għal emendi ta' dan ir-Regolament sal-1 ta' Diċembru 2012, u wara, darba kull tliet snin.

[1] ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.

(16) Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-fattibilità li testendi l-istallazzjoni obbligatorja ta' sistemi għal monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers, sistemi ta' twissija ta' ħruġ mil-karreġġata u sistemi avvanzati għall-brejking f'emerġenza, għal kategoriji oħra ta' vetturi u, fejn xieraq, tipproponi emenda għal dan ir-Regolament.

(17) Il-Kummissjoni għandha tevalwa kemm hu fattibbli li jissaħħu r-rekwiżiti tal-irbit fl-imxarrab għat-tajers, u jekk xieraq, tipproponi emenda għal dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw sorveljanza effettiva tas-suq.

(18) Il-potenzjal kollu li tiżdied is-sikurezza, jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ u jonqos l-istorbju tat-traffiku jista' jinkiseb biss flimkien ma' skema tal-ittikettar bil-għan li l-konsumatur ikun infurmat dwar il-prestazzjoni tat-tajers.

(19) Ikun xieraq li jiġu implimentati l-miżuri mħabbra fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-7 ta' Frar 2007 bit-titolu "Ir-riżultati tar-reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief" li għandhom l-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mit-tajers. Dan it-tnaqqis għandu jintlaħaq billi jiġu kumbinati tajers b'resistenza baxxa ta' tidwir mal-użu ta' sistemi għal monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers. Fl-istess waqt, hu xieraq ukoll li jiġu definiti rekwiżiti bl-għan li jitnaqqsu l-ħsejjes tat-tajers u rekwiżiti għall-irbit fl-imxarrab li jiżguraw li jinżammu l-livelli tas-sikurezza tat-tajers. L-iskeda taż-żmien tal-implimentazzjoni relatata għandha tirrifletti l-livell tal-isfida biex jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti kollha. B'mod partikolari, minħabba l-isfida biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti dwar il-ħsejjes tat-tidwir u meta jiġi kunsidrat iż-żmien meħtieġ mill-industrija biex jiġu sostitwiti l-mudelli tat-tajers eżistenti, ikun xieraq li jingħata perjodu aktar fit-tul għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti dwar il-ħsejjes tat-tidwir fir-rigward ta' tajers ġodda ta' tipi eżistenti.

(20) Ċerti kategoriji ta' tajers, inklużi tajers professjonali off-road li huma suġġetti għal restrizzjoni ta' veloċità u tajers intenzjonati biss għal vetturi reġistrati qabel l-1990, probabbilment jiġu prodotti fi kwantitajiet żgħar ħafna. Għalhekk, ikun xieraq li kategoriji ta' tajers jiġu eżentati minn ċerti rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-miżuri implimentazzjoni, fejn rekwiżiti ta' dan it-tip huma inkompatibbli mal-użu tat-tajers, jew fejn il-piż addizzjonali impost minn dawn ir-rekwiżiti hu sproporzjonat.

(21) F'dak li jirrigwarda t-tajers b'wiċċ ġdid, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni xierqa ta' dan is-settur ta' negozju, billi tinvolvi l-partijiet interessati u tevalwa jekk hemmx xi ħtieġa li jkun adattat ir-reġim regolatorju.

(22) Ikun xieraq li jiġu stabbiliti eċċezzjonijiet fir-rigward ta' xi valuri ta' limitu ta' reżistenza għat-tidwir jew tal-ħoss tat-tidwir għal ċerti kategoriji speċifiċi ta' tajers, sabiex jitqiesu l-karatteristiċi tagħhom tad-disinn u l-prestazzjoni. B'mod partikulari, ikun xieraq li jiġu stabbiliti eċċezzjonijiet għat-tajers maħsuba biex ikollhom prestazzjoni mtejba fit-traction u fil-brejking f'kundizzjonijiet severi ta' borra.

(23) Tajers ta' użu speċjali huma użati fuq vetturi li jidħlu f'siti ta' kostruzzjoni, fejn isir qtugħ ta' siġar u attivitajiet tal-minjieri u għalhekk huma mfassla sabiex jagħtu prestazzjoni off-road aqwa minn tajers maħsuba biss għall-użu fuq it-triq. Biex tinkiseb din il-prestazzjoni dawn it-tajers huma mmanifatturati b'materjali li jippermettulhom li jirreżistu għall-ħsara aktar minn tajers normali u jkollhom block tread pattern. Billi ż-żewġ elementi essenzjali fid-disinn jikkawżaw tajers ta' użu speċjali jiġġeneraw ħoss aktar qawwi minn tajers normali, dawn għandhom jitħallew li jarmu aktar storbju minn tajers normali.

(24) Is-Sistemi Elettroniċi tal-Kontroll tal-Istabbiltà, is-Sistemi Avvanzati għal Brejking f'Emerġenza u s-Sistemi ta' Indikazzjoni ta' Ħruġ mill-karreġġata għandhom potenzjal għoli li jirriżultaw fi tnaqqis konsiderevoli ta' vittmi. Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti għal sistemi ta' din ix-xorta mill-Kummissjoni konformement mar-regolamenti tal-UNECE għal dawk il-kategoriji ta' vetturi fejn l-applikazzjoni tagħhom tkun xierqa u li għalihom jintwera li jkunu se jtejbu l-livell ġenerali ta' sikurezza. Qabel l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti jeħtieġ li jingħata żmien biżżejjed li jippermetti li l-miżuri ta' implimentazzjoni ikunu adottati u li sussegwentement isir l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' dawn it-teknoloġiji kumplessi fil-vettura.

(25) B'effett mill-2011 għall-approvazzjonijiet tat-tip, u mill-2014 għall-vetturi ġodda, l-iskadenzi ta' implimentazzjoni għat-tgħammir obligatorju ta' sistemi elettroniċi ta' kontroll fuq vetturi tqal għandhom isegwu d-dati stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(26) Sakemm jiġu introdotti sistemi elettroniċi għall-kontroll tal-Istabilità, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri u tagħmel kampanji biex tipprovdi informazzjoni dwar l-effettività tagħhom u biex tippromwovi l-bejgħ tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-iżviluppi tal-prezzijiet biex taċċerta li l-prezz ta' vetturi ġodda ma jkunx qed jiżdied b'mod sproporzjonat b'riżultat tal-fatt li jkunu ġew mgħammra biex jilħqu l-istandards ġodda għas-sikurezza.

(27) Miżuri futuri proposti fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament jew proċeduri li jkunu implimentati fl-applikazzjoni tiegħu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Frar 2007 bit-titolu "Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Vetturi għas-Seklu 21". Partikolarment, għall-finijiet ta' regolamentazzjoni aħjar u ta' simplifikazzjoni u sabiex ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' aġġornament kostanti tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Komunità dwar kwistjonijiet ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, dan ir-Regolament għandu jagħmel referenzi għal standards u regolamenti internazzjonali eżistenti mingħajr ma jirrepetihom fil-qafas legali Komunitarju.

(28) Hu importanti li l-ispare parts tas-sistemi koperti b'dan ir-Regolament ikunu soġġetti għal rekwiżiti ekwivalenti ta' sikurezza u ta' proċeduri ta' approvazzjoni. Għalhekk ikun xieraq li tiġi prevista l-approvazzjoni ta' spare parts u ta' unitajiet tekniċi separati.

(29) L-Istati Membri għandhom jistabilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li jkunu implimentati. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(30) Dan ir-Regolament jirrigwarda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal tagħrif dwar it-tiswija tal-vetturi u dwar il-manutenzjoni ([1]), u r-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jiffissa standards ta' emissjonijiet għall-vetturi l-ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-istrateġija integrata tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-$CO_2$ minn vetturi ħfief ([2]). B'mod partikulari, il-miżuri ta' dan ir-Regolament dwar it-tnaqqis tal-emmissjonijiet tas-$CO_2$ għandhom ikunu marbuta kemm jista' jkun mal-miżuri addizzjonali għall-ilħuq ta' tnaqqis ulterjuri ta' 10 g $CO_2$ fuq il-bażi tal-mira ta' 130 g emmissjonijiet tas-$CO_2$.

(31) Il-Kummissjoni għandha eventwalment tipproponi, bħala parti minn approċċ aktar integrat, emendi ulterjuri għal dan ir-Regolament jew tippreżenta proposti oħra skont studju komprensiv tal-impatt li jindirizza l-miżuri addizzjonali l-oħra kollha possibbli immirati lejn l-ilħuq tal-għanijiet mixtieqa ta' emissjonijiet ta' $CO_2$, u li jkopri teknoloġiji oħra disponibbli fis-suq, inklużi teknoloġiji biex it-tajers iżommu l-pressjoni, titjib fl-uċuħ tat-toroq u kull teknoloġija ġdida oħra rilevanti, kif ukoll rekwiżiti rigward l-effiċjenza tal-arja kondizzjonata li għandhom jew jista' jkollhom effett ċar fuq ir-reżistenza tat-tajers għat-tidwir u/jew fuq l-ekonomija tal-vettura f'termini ta' fjuwil u fuq l-emissjonijiet ta' $CO_2$.

(32) Għandu jiġi implimentat aproċċ koerenti u komprensiv biex tiġi indirizzata l-problema tal-istorbju fit-toroq. Fir-rigward tal-kontribut sinifikanti tal-uċuħ tat-toroq għall-istorbju fit-toroq, bħalissa qed jiġi rivedut l-ISO 10844 u għandu jitqies f'dan il-kuntest mal-objettiv li l-uċuħ tat-toroq jittejbu ulterjorment. Sabiex itejbu l-uċuħ tat-toroq tagħhom l-Istati Membri għandhom jinvestu b'mod aktar sostanzjali fl-istandards ISO eżistenti. Barra minn hekk għandha tiġi żviluppata politika komprensiva dwar l-emissjonijiet ta' ħsejjes li tkopri s-sistemi kollha ta' trasport inkluż l-istorbju tal-avjazzjoni u l-istorbju ferrovjarju apparti l-istorbju tat-trasport bit-triq.

([1]) ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.

(33) B'effett mid-dati tal-applikazzjoni għal vetturi ġodda, spare parts ġodda u unitajiet tekniċi separati tar-rekwiżiti rilevanti definiti f'dan ir-Regolament, għandhom għalhekk jiġu mħassra d-Direttivi li ġejjin:

— Id-Direttiva tal-Kunsill 70/221/KEE tal-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tankijiet ta' karburant likwidu u mezzi ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([3]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 70/222/KEE tal-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-ispazju għall-immuntatura u t-twaħħil ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni tan-naħa ta' wara ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([4]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 70/311/KEE tat-8 ta' Ġunju 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([5]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 70/387/KEE tas-27 ta' Lulju 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw il-bibien ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([6]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 70/388/KEE tas-27 ta' Lulju 1970 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar strumenti ta' twissija akustika għall-vetturi bil-mutur ([7]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 71/320/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-mezzi tal-ibbrejkjar ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([8]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 72/245/KEE tal-20 ta' Ġunju 1972 dwar is-soppressjoni tal-interferenza radju prodotta minn magni spark-ignition mgħammra fuq vetturi bil-mutur ([9]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 74/60/KEE tas-17 ta' Diċembru 1973 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-muntaġġi interni tal-vetturi bil-mutur ([10]),

([3]) ĠU L 76, 6.4.1970, p. 23.
([4]) ĠU L 76, 6.4.1970, p. 25.
([5]) ĠU L 133, 18.6.1970, p. 10.
([6]) ĠU L 176, 10.8.1970, p. 5.
([7]) ĠU L 176, 10.8.1970, p. 12.
([8]) ĠU L 202, 6.9.1971, p. 37.
([9]) ĠU L 152, 6.7.1972, p. 15.
([10]) ĠU L 38, 11.2.1974, p. 2.

— Id-Direttiva tal-Kunsill 74/61/KEE ta' 17 ta' Diċembru 1973 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' mezzi li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat ta' vetturi bil-mutur [1],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 74/297/KEE tal-4 ta' Ġunju 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-muntaġġi interni tal-vetturi bil-mutur (l-imġiba tal-mekkaniżmu tal-isteering f'każ ta' impatt) [2],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 74/408/KEE tat-22 ta' Lulju 1974 dwar is-sitijiet, l-ankraġġi tagħhom u l-head restraints [3],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 74/483/KEE tas-17 ta' Settembru 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' partijiet tal-vetturi bil-mutur li jisporġu 'l barra [4],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 75/443/KEE tas-26 ta' Ġunju 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-rivers u mat-tagħmir tal-ispidomiter ta' vetturi bil-mutur [5],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 76/114/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw il-pjanċi u l-iskrizzjonijiet regolamentari għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u l-post fejn jitqiegħdu u l-metodu ta' kif jitwaħħlu [6],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-punt fejn jitwaħħlu ċ -ċinturini tas-sigurtà ta' vetturi bil-mutur [7],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 76/756/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-istallazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [8],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 76/757/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrelataw għar-retro-reflectors għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [9],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 76/758/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-fanali li jimmarkaw l-end-outline, il-fanali ta' pożizzjoni ta' quddiem (tal-ġenb), il-fanali ta' pożizzjoni ta' wara (tal-ġenb) u l-fanali tal-waqfien, il-fanali li jkunu mixgħula l-ħin kollu u l-fanali li jimmarkaw il-ġnub, għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [10],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 76/759/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-fanali indikaturi tad-direzzjoni għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [11],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 76/760/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw il-fanali tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni tan-naħa ta' wara għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [12],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 76/761/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-headlamps tal-vetturi bil-mutur li jiffunzjonaw bħala headlamps b'raġġ ewlieni u/jew raġġ "dipped" u għall-bozoz (bil-filament elettriċi inkandexxenti jew oħrajn) għal dawn il-headlamps, għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [13],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 76/762/KEE tat-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem għal vetturi bil-mutur [14],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 77/389/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-mezzi ta' rmunkar ta' vetturi bil-mutur [15],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 77/538/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw il-fanali taċ-ċpar ta' wara fuq vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [16],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 77/539/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw il-fanali tar-rivers għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [17],

— Id-Direttiva tal-Kunsill 77/540/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward ta' lampi tal-parking ta' vetturi bil-mutur [18],

[1] ĠU L 38, 11.2.1974, p. 22.
[2] ĠU L 165, 20.6.1974, p. 16.
[3] ĠU L 221, 12.8.1974, p. 1.
[4] ĠU L 266, 2.10.1974, p. 4.
[5] ĠU L 196, 26.7.1975, p. 1.
[6] ĠU L 24, 30.1.1976, p. 1.
[7] ĠU L 24, 30.1.1976, p. 6.
[8] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 1.
[9] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 32.
[10] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 54.
[11] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 71.
[12] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 85.
[13] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 96.
[14] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 122.
[15] ĠU L 145, 13.6.1977, p. 41.
[16] ĠU L 220, 29.8.1977, p. 60.
[17] ĠU L 220, 29.8.1977, p. 72.
[18] ĠU L 220, 29.8.1977, p. 83.

— Id-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE tat-28 ta' Ġunju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar ċintorini tas-sigurtà u sistemi ta' trażżin f'vetturi bil-mutur ([1]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 77/649/KEE tas-27 ta' Settembru 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-kamp viżiv tas-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur ([2]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 78/316/KEE tal-21 ta' Diċembru 1977 l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-muntaġġi interni ta' vetturi bil-mutur (identifikazzjoni tal-kontrolli, tell-tales u indikaturi) ([3]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 78/317/KEE tal-21 ta' Diċembru 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-sistemi li jneħħu s-silġ u l-fwar ta' uċuh bil-ħġieġ ta' vetturi bil-mutur ([4]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 78/318/KEE tal-21 ta' Diċembru 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi tal-wajper u tal-washer tal-vetturi bil-mutur ([5]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 78/549/KEE tat-12 ta' Ġunju 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tar-roti tal-vetturi bil-mutur ([6]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 78/932/KEE tas-16 ta' Ottubru 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw il-"head restraint" tas-sedili ta' vetturi bil-mutur ([7]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 89/297/KEE tat-13 ta' April 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrelataw mal-protezzjoni tal-ġenb ta' ċerti vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([8]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 91/226/KEE tas-27 ta' Marzu 1991 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrelataw għas-sistemi li jrażżnu t-titjir ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([9]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 92/21/KEE ta' 31 Marzu 1992 dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet ta' vetturi bil-mutur tal-kategorija $M_1$ ([10]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 92/22/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar il-ħġieġ tas-sikurezza fit-twieqi u l-materjali tal-ħġieġ Itas-sikurezza fuq vetturi bil-mutur u fuq it-trejlers tagħhom ([11]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 92/23/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 li tirrigwarda t-tajers ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom kif ukoll għat-twaħħil tagħhom ([12]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 92/24/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 relatata ma' tagħmir li jillimita l-veloċità jew sistemi bħal dawn abbord li jillimitaw il-veloċità ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur ([13]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 92/114/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 dwar oġġetti ħerġin 'il barra 'l quddiem mill-pannell ta' wara tal-kabina ta' vetturi bil-mutur tal-kategorija N ([14]),

— Id-Direttiva 94/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-mezzi mekkaniċi ta' rmonk ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom u t-twaħħil tagħhom ma' dawk il-vetturi ([15]),

— Id-Direttiva 95/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-mod kif jinħarqu ċerti materjali użati fil-kostruzzjoni fuq ġewwa ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur ([16]),

— Id-Direttiva 96/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1996 dwar il-protezzjoni tal-okkupanti ta' vetturi bil-mutur fil-każ ta' ħabta mill-ġenb u li temenda d-Direttiva 70/156/KEE ([17]),

— Id-Direttiva 96/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi bil-mutur fil-każ ta' ħabta fuq quddiem u li temenda d-Direttiva 70/156/KEE ([18]),

— Id-Direttiva 97/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1997 dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom u li temenda d-Direttiva 70/156/KEE ([19]),

(1) ĠU L 220, 29.8.1977, p. 95.
(2) ĠU L 267, 19.10.1977, p. 1.
(3) ĠU L 81, 28.3.1978, p. 3.
(4) ĠU L 81, 28.3.1978, p. 27.
(5) ĠU L 81, 28.3.1978, p. 49.
(6) ĠU L 168, 26.6.1978, p. 45.
(7) ĠU L 325, 20.11.1978, p. 1.
(8) ĠU L 124, 5.5.1989, p. 1.
(9) ĠU L 103, 23.4.1991, p. 5.
(10) ĠU L 129, 14.5.1992, p. 1.
(11) ĠU L 129, 14.5.1992, p. 11.
(12) ĠU L 129, 14.5.1992, p. 95.
(13) ĠU L 129, 14.5.1992, p. 154.
(14) ĠU L 409, 31.12.1992, p. 17.
(15) ĠU L 195, 29.7.1994, p. 1.
(16) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 1.
(17) ĠU L 169, 8.7.1996, p. 1.
(18) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 7.
(19) ĠU L 233, 25.8.1997, p. 1.

— Id-Direttiva 98/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 1998 dwar vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq u li temenda d-Direttiva 70/156/KEE dwar it-tip ta' approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([1]),

— Id-Direttiva 2000/40/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li tirrigwarda l-mezz ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem ta' vetturi bil-mutur u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE ([2]),

— Id-Direttiva 2001/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar is-sistemi li jsaħħnu tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE u tabroga d-Direttiva tal-Kunsill 78/548/KEE ([3]),

— Id-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 li tirrigwardja d-dispożizzjonijiet speċjali għal vetturi użati għat-trasport ta' passiġġieri li jkollhom aktar minn tmien sits apparti s-sit tas-sewwieq, u li temeda d-Direttivi 70/156/KEE u 97/27/KE ([4]),

— Id-Diretiva 2003/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2003 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-approvazzjoni skont it-tip tal-viżjoni indiretta u tal-vetturi mgħammra b'dawn il-mezzi, li temenda d-Direttiva 70/156/KEE u tħasar id-Direttiva 71/127/KEE ([5]),

(34) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-twettiq tas-suq intern permezz tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti tekniċi komuni dwar is-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi bil-mutur u tat-tajers ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala tiegħu jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, i l-Komunità tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan,

([1]) ĠU L 11, 16.1.1999, p. 25.
([2]) ĠU L 203, 10.8.2000, p. 9.
([3]) ĠU L 292, 9.11.2001, p. 21.
([4]) ĠU L 42, 13.2.2002, p. 1.
([5]) ĠU L 25, 29.1.2004, p. 1.

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## SUĠĠETT, AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

### *Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti:

(1) għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom, fir-rigward tas-sikurezza tagħhom,

(2) għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur, fir-rigward tas-sistemi tal-monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers, fir-rigward tas-sikurezza, l-effiċjenza tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u, fir-rigward tal-indikaturi tal-qlib tal-ger, fir-rigward tal-effiċjenza tagħhom tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-$CO_2$; u

(3) għall-approvazzjoni tat-tip ta' tajers maħdumin ġodda, fir-rigward tas-sikurezza tagħhom u tal-prestazzjoni tar-reżistenza tagħhom għat-tidwir u tal-emissjonijiet ta' ħsejjes tat-tidwir tagħhom.

### *Artikolu 2*

### Ambitu

Dan ir-Regolament għandu japplika għal vetturi tal-kategoriji M, N u O u s-sistemi, l-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tagħhom, kif definiti fit-Taqsima A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE bla ħsara għall-Artikoli 5 sa 12 ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 3*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/46/KE.

Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "kontroll elettroniku tal-istabbiltà" jfisser funzjoni ta' kontroll elettroniku għal vettura li jtejjeb l-istabbiltà dinamika tal-vettura;

(2) "vettura $M_2$ jew $M_3$ tal-Klassi I" tfisser vettura $M_2$ jew $M_3$ li tesa' aktar minn 22 passiġġier apparti s-sewwieq u li hija mibinja b'żoni għal passiġġieri bil-wieqfa, biex jitħalla li jkun hemm ċaqliq frekwenti tal-passiġġieri;

(3) "vettura $M_2$ jew $M_3$ tal-Klassi A" tfisser vettura $M_2$ jew $M_3$ li tesa' anqas minn 22 passiġġier apparti s-sewwieq u li hija mibinja sabiex iġġorr passiġġieri bil-wieqfa; u li jkollha s-sedili u faċilitajiet għal passiġġieri bil-wieqfa;

(4) "sistema ta' indikazzjoni ta' ħruġ mill-karreġġata" tfisser sistema li tavża lis-sewwieq b'moviment mhux intenzjonat tal-vettura 'l barra mill-karreġġata li fih tkun qed tivvjaġġa;

(5) "sistema avvanzata għal ibbrejkjar f'emerġenza" tfisser sistema li tista' awtomatikament tindika sitwazzjoni ta' emerġenza u tattiva s-sistema tal-ibbrejkjar tal-vettura biex tnaqqas il-veloċità tal-vettura bl-għan li ħabta tiġi evitatat jew imnaqqsa;

(6) "indiċi tal-kapaċità ta' tagħbija" jfisser numru jew tnejn li jindikaw il-piż li t-tajer jista' jġorr kemm meta jkun singlu jew doppju bil-veloċità li tikkorrispondi mal-kategorija assoċjata tal-veloċità u meta jitħaddem skont ir-rekwiżiti li jiddefinixxu l-użu speċifikat mill-manifattur;

(7) "sistema għal monitoraġġ tal-pressjoni" tfisser sistema ffittjata f'vettura, li tkun tista' tikkalkula l-pressjoni tat-tajers jew il-varjazzjoni tal-pressjoni matul il-ħin u li titrażmetti informazzjoni korrispondenti lill-utent waqt li l-vettura tkun tiġri;

(8) "tajer ta' użu speċjali" jfisser tajer intenzjonat għal diversi użi, kemm fit-toroq jew le, jew għal użu speċjali ieħor;

(9) "tajer professjonali off-road" jfisser tajer għal użu speċjali prinċipalment f'kundizzjonijiet ta' art imħarbta ħafna;

(10) "tajer imsaħħaħ" jew "tajer li jifflaħ piż miżjud" ifisser tajer pnewmatiku bl-istruttura ta' C1 fejn il-qafas huwa ddisinjat biex iġorr piż akbar mit-tajer standard ekwivalenti;

(11) "tajer tax-xitwa" ifisser tajer li d-disinn tal-irfis, il-kompożizzjoni jew l-istruttura tiegħu huma primarjament iddisinjati li jwettqu f'kundizzjonijiet ta' silġ prestazzjoni aħjar minn dik ta' tajer normali f'dak li għandu x'jaqsam mal-bidu jew iż-żamma tas-sewqan tal-vettura;

(12) "spare tajer tip T għal użu temporanju" jfisser spare tajer għal użu temporarju disinjat għal użu bi pressjoni ta' nefħa ogħla minn dik stabbilta għal tajers standard u rinforzati;

(13) "traction tajer" ifisser tajer tal-klassijiet C2 jew C3 bl-iskrizzjoni "M + S" jew "M.S." jew "M&S" u maħsub li jiġi ffittjat mal-fus/ijiet tas-sewqan tal-vettura;

(14) "utent stradali mhux protett" ifisser nies mixjin fit-triq, ċiklisti u sewwieqa ta' mutur;

(15) "indikatur tal-bdil tal-gerijiet" jew "GSI" ifisser indikatur viżibbli li jissuġġerixxi lis-sewwieq li jbiddel il-ger;

(16) "gerbox manwali" tfisser gerbox li tista' titħaddem f'mod fejn it-tibdil bejn il-gerijiet kollha, jew uħud minnhom, huwa dejjem konsegwenza immedjata ta' azzjoni tas-sewwieq, irrilevanti mill-mod kif inhi implimentata fiżikament; d in id-definizzjoni ma tkoprix is-sistemi fejn is-sewwieq jista' biss jagħżel minn qabel ċerta strateġija ta' tibdil ta' gerijiet jew jillimita n-numru ta' gerijiet disponibbli għas-sewqan, iżda t-tibdil attwali tal-gerijiet jirriżulta indipendement mid-deċiżjoni tas-sewwieq, skont ċerti xejriet tas-sewqan.

KAPITOLU II

**OBBLIGI TAL-MANIFATTURI**

*Artikolu 4*

**Obbligi Ġenerali**

1. Il-manifatturi għandhom juru li l-vetturi ġodda kollha mibjugħin, reġistrati jew mqegħda fis-servizz fil-Komunità għandhom approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament u l-miżuri implimentattivi tiegħu.

2. Il-manifatturi jistgħu jagħżlu li japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tas-sistemi kollha, u l-istallazzjoni tal-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati kollha koperti minn dan ir-Regolament, jew għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward ta' waħda jew aktar mis-sistemi, u l-istallazzjoni ta' waħda jew aktar mill-komponenti jew waħda jew aktar mill-unitajiet tekniċi separati koperti minn dan ir-Regolament. L-approvazzjoni tat-tip skont ir-regolamenti UNECE elenkati fl-Anness IV għandhom jiġu kkunsidrati bħala approvazzjoni tat-tip KE skont dan ir-Regolament u l-miżuri implimentattivi tiegħu.

3. Il-manifatturi għandhom juru li sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi ġodda kollha mibjugħin jew mqegħda fis-servizz fil-Komunità għandhom approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament u l-miżuri implimentattivi tiegħu.

*Artikolu 5*

**Rekwiżiti ġenerali u testijiet**

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi jiġu disinjati, mibnija u montati b'mod li jiġi minimizzat ir-riskju ta' korriment għall-okkupanti tal-vettura u għall-utenti oħra tat-triq.

2. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-miżuri implimentattivi tiegħu, inklużi r-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu ma':

(a) l-integrità tal-istruttura tal-vettura, inklużi testijiet ta' impatt;

(b) is-sistemi li jgħinu lis-sewwieq jikkontrolla l-vettura, inklużi l -isteering, l-ibbrekjar u s-sistemi elettroniċi tal-kontroll tal-istabbiltà;

(c) is-sistemi li jipprovdu lis-sewwieq b'viżibilità u informazzjoni dwar l-istat tal-karozza u ż-żona tal-madwar, inklużi l-ħġieġ, il-mirja u s-sistemi ta' informazzjoni għas-sewwieq;

(d) is-sistemi ta' dwal tal-vettura;

(e) il-protezzjoni tal-okkupanti tal-vettura, inklużi l-fittings ta' ġewwa, fejn tistriħ ir-ras, iċ-ċintorini tas-sigurtà, it-twaħħil tal-"ISOfix" jew strumenti integrati għall-kontroll tat-tfal u bibien tal-vettura;

(f) l-estern u l-aċċessorji tal-vettura;

(g) il-kompatibilità elettromanjetika;

(h) l-apparat ta’ twissija li jinstema’;

(i) is-sistemi tas-sħana;

(j) tagħmir li ma jħallix użu mhux awtorizzat;

(k) is-sistemi ta’ identifikazzjoni tal-vettura;

(l) il-piżijiet u d-dimensjonijiet;

(m) is-sikurezza elettrika;

(n) indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet.

3. Ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-vetturi u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dawn il-vetturi, kif speċifikat fl-Anness I.

*Artikolu 6*

**Rekwiżiti speċifiċi relatati ma’ ċerti vetturi f’kategoriji N u O**

1. Barra r-rekwiżiti li jinsabu fl-Artikoli 5, 8, 9, 10 u 12 u l-miżuri implimentattivi tagħhom, il-vetturi fil-kategoriji N u O għandhom, fejn rilevanti, jissodisfaw ir-rekwiżiti definiti fil-paragrafi 2 sa 5 ta’ dan l-Artikolu u l-miżuri implimentattivi tagħhom.

2. Il-vetturi fil-kategoriji $N_2$ u $N_3$ għandhom jinbnew b’mod li jiżguraw li, f’każ ta’ ħabta wiċċ imb’wiċċ ma’ karozza oħra, ir-riskju ta’ korriment għal okkupant ta’ vettura li tidħol taħt vettura akbar jiġi minimizzat.

3. Il-vetturi fil-kategoriji $N_2$, $N_3$, $O_3$ u $O_4$ għandhom jinbnew biex jiżguraw li, f’każ li l-vettura tintlaqat mill-ġenb minn utent stradali mhux protett, jiġi minimizzat ir-riskju ta’ korriment għal dak l-utent stradali mhux protett minħabba li jista’ jidħol taħt il-karozza.

4. Il-kabina tal-karozza jew l-ispazju provdut għas-sewwieq u l-passiġġieri għandu jkun b’saħħtu biżżejjed biex joffri protezzjoni lill-okkupanti f’każ ta’ impatt, filwaqt li jitqies ir-Regolament 29 tal-UNECE.

5. Il-vetturi fil-kategorija $N_2$, $N_3$, $O_3$ u $O_4$ għandhom jinbnew biex jiġi minimizzat l-effett ta’ titjir ta’ ilma mill-vettura fuq il-viżibilità ta’ vetturi oħrajn fit-triq.

*Artikolu 7*

**Rekwiżiti speċifiċi relatati ma’ vetturi f’kategoriji $M_2$ u $M_3$**

1. Barra r-rekwiżiti li jinsabu fl-Artikoli 5, 8, 9, 10 u 12 u l-miżuri implimentattivi tagħhom, il-vetturi fil-kategoriji $M_2$ u $M_3$ għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti definiti fil-paragrafi 2 sa 5 ta’ dan l-Artikolu u l-miżuri implimentattivi tagħhom.

2. Il-kapaċità ta’ ġarr ta’ vettura, inklużi passiġġieri bilqiegħda u bilwieqfa u l-utenti fuq wheelchair, għandha tkun adatta għall-massa, daqs u konfigurazzjoni tal-vettura.

3. Ix-xasijiet tal-vetturi għandhom jiġu disinjati u mibnija biex jippermettu lill-vettura li topera b’mod sikur u stabbli, anki meta tkun mgħobbija kollha. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu żgurati aċċess u ħruġ sikur mill-vettura partikolarment f’każ ta’ emerġenza.

4. Il-vetturi ta’ Klassi I għandhom ikunu aċċessibbli għal persuni b’mobilità nieqsa inklużi l-utenti ta’ wheelchairs.

5. Il-materjali użati fil-bini minn ġewwa tal-karrozzerija ta’ karozza tal-linja u coach għandhom kemm jista’ jkun possibbli jevitaw jew tal-anqas jittardjaw l-iżvilupp ta’ fjammi sabiex jippermettu lill-okkupanti li jevakwaw il-vettura f’każ ta’ nirien.

*Artikolu 8*

**Klassifikazzjoni ta’ tajers**

1. It-tipi ta’ tajers għandhom jiġu klassifikati kif ġej:

(a) Tajers tal-Klassi C1 - tajers primarjament iddisinjati għal vetturi tal-kategoriji $M_1$, $O_1$ u $O_2$;

(b) Tajers tal-Klassi C2 - tajers primarjament iddisinjati għal vetturi tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, N, $O_3$ u $O_4$ b’indiċi ta’ kapaċità ta’ tagħbija f’formazzjoni singla ≤ 121 u bis-simbolu tal-kategorija ta’ veloċità ≥ “N”;

(c) Tajers tal-Klassi C3 - tajers primarjament iddisinjati għal vetturi tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_1$, $O_3$ u $O_4$ ma’ wieħed mill-indiċijiet tal-kapaċità ta’ tagħbija li ġejjin:

(i) l-indiċi tal-kapaċità ta’ tagħbija f’forma singla ≤ 121 u bis-simbolu tal-kategorija ta’ veloċità ≤ “M”;

(ii) l-indiċi tal-kapaċità f’forma singla ≥ 122.

Tajer jista’ jiġi klassifikat f’aktar minn klassi waħda sakemm jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti kollha ta’ kull klassi li fiha jiġi klassifikat.

2. Għandhom japplikaw il-lista tal-indiċijiet tal-kapaċità ta’ tagħbija u l-massi korrispondenti tagħhom inklużi fir-Regolamenti Nru 30 u 54 u tal-UNECE.

*Artikolu 9*

**Dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mat-tajers ta' vetturi, l-istallazzjoni ta' tajers u sistemi tal-monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers**

1. It-tajers kollha provduti bħala parti mit-tagħmir ta' vettura, inkluż fejn adatt, kull spare tajer, għandhom ikunu adatti għal użu fuq il-vettura li għaliha kienu intenzjonati, partikolarment fir-rigward tad-dimensjonijiet, il-veloċità u l-karatteristiċi tal-prestazzjoni tat-tagħbija tagħhom.

2. Il-vetturi fil-kategoriji $M_1$ għandhom ikunu attrezzati b'sistema preċiża għal monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers, li tkun kapaċi, jekk ikun meħtieġ, li tavża lis-sewwieq minn ġewwa l-vettura stess, meta jkun hemm xi telf ta' pressjoni f'xi tajer, fl-interess tal-konsum tajjeb ta' fjuwil u s-sikurezza fit-toroq. Sabiex jinkiseb dan, għandhom jiġu stipulati limiti xierqa fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, li barra minn hekk għandhom jippermettu li jkun hemm approċċ newtrali f'termini ta' teknoloġija u effettiv f'termini ta' spejjeż fl-iżvilupp ta' sistemi ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers.

3. It-tajers C1 kollha għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar l-irbit fl-imxarrab inklużi fil-Parti A tal-Anness II.

4. It-tajers kollha għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar ir-reżistenza tat-tidwir inklużi fil-Parti B tal-Anness II.

5. It-tajers kollha għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar il-ħsejjes misjuba fil-Parti C tal-Anness II.

6. Il-paragrafi 3, 4 u 5 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) tajers li l-kategorija tal-veloċità tagħhom hija ta' anqas minn 80 km fis-siegħa;

(b) tajers li d-dijametru nominali tar-rimm tagħhom ma jkunx aktar minn 254 mm jew ikun 635 mm jew aktar;

(c) Spare tajers tat-tip T għal użu temporarju;

(d) tajers disinjati biss biex jitwaħħlu fuq vetturi reġistrati għall-ewwel darba qabel 1 ta' Ottubru 1990;

(e) tajers li jitwaħħlu ma' strumenti addizzjonali biex tittejjeb il-ħila tal-qbid.

7. Ir-rekwiżiti dwar ir-reżistenza tat-tidwir u l-ħsejjes tat-tidwir stabbiliti fil-Partijiet B u C tal-Anness II ma għandhomx japplikaw għal tajers professjonali off-road.

*Artikolu 10*

**Sistemi avvanzati ta' vetturi**

1. Suġġett għall-eżenzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 14(3)(a), il-vetturi fil-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$ u $N_3$ għandu jkollhom sistema avvanzata għal brejking f'emerġenza li għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-miżuri implimentattivi tiegħu.

2. Suġġett għall-eżenzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 14(3)(a), il-vetturi fil-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$ u $N_3$ għandu jkollhom sistema ta' twissija ta' ħruġ mill-karreġġata li għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-miżuri implimentattivi tiegħu.

*Artikolu 11*

**Indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet**

Il-vetturi tal-kategoriji $M_1$ b'massa ta' referenza li ma taqbiżx l-2 610 kg u l-vetturi li għalihom l-approvazzjoni tat-tip hija estiża skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 li huma mgħammra b'gerbox manwali għandhom ikunu mgħammra b'indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tal-miżuri implimentattivi tiegħu.

*Artikolu 12*

**Sistemi Elettroniċi tal-Kontroll tal-Istabbilità**

1. Il-vetturi tal-kategoriji $M_1$ u $N_1$ għandhom ikunu mgħammra b'Sistema Elettronika tal-Kontroll tal-Istabilità li tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-regolament u tal-miżuri implimentattivi tiegħu.

2. Ħlief għall-vetturi "off-road", kif definit fil-punti 4.2 u 4.3 tat-taqsima A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE, il-vetturi li ġejjin għandhom ikunu mgħammra b'sistema elettronika tal-kontroll tal-istabilità li tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tal-miżuri implimentattivi tiegħu:

(a) vetturi fil-kategoriji $M_2$ u $M_3$, ħlief dawk li għandhom aktar minn tliet fusien, xarabanks u kowċis artikulati, u xarabanks tal-Klassi I u tal-Klassi A;

(b) vetturi fil-kategoriji $N_2$ u $N_3$, ħlief dawk li għandhom aktar minn tliet fusien, trakters għal semitrejlers b'massa grossa tal-vettura ta' bejn it-3,5 u s-7,5 tunnellati, u vetturi ta' użu speċjali, kif definit fil-paragrafi 5.7 u 5.8 tat-Taqsima A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE;

(c) vetturi fil-kategoriji $O_3$ u $O_4$ mgħammra b'suspension bl-arja, ħlief dawk li għandhom aktar minn tliet fusien, trejlers għat-trasport ta' massa eċċezzjonali u trejlers b'żoni għal passiġġieri bilwieqfa.

KAPITOLU III

**OBBLIGI TAL-ISTATI MEMBRI**

*Artikolu 13*

**Approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati**

1. B'effett mill-1 ta' Novembru 2011, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għar-raġunijiet relatati mas-sistemi elettroniċi tal-kontroll tal-istabbiltà, li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' tipi ġodda ta' vetturi tal-kategoriji $M_1$ u $N_1$, li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

Wara d-dati ta' implimentazzjoni stabbiliti fit-tabella 1 tal-Anness V, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għar-raġunijiet relatati mas-sistemi elettroniċi tal-kontroll tal-istabbiltà, li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' tipi ġodda ta' vetturi tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$, $O_3$ u $O_4$, li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

2. B'effett mill-1 ta' Novembru 2012 l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw li jagħtu, għar-raġunijiet relatati mal-oqsma tas-sikurezza tal-vetturi u tat-tajers koperti fl-Artikoli 5 sa 8, Artikolu 9(2) u Artikolu 11:

(a) approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' tipi ġodda ta' vetturi tal-kategoriji speċifikati f'dawn l-Artikoli u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħhom, meta tali vetturi ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu; u

(b) approvazzjoni tat-tip ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati tal-KE fir-rigward ta' tipi ġodda ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati intenzjonati għal tali vetturi meta tali komponenti jew unitajiet tekniċi separati ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

3. B'effett mill-1 ta' Novembru 2012, l-awtoritjajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal-raġunijiet relatati mal-oqsma tat-tajers koperti mill-Artikolu 9(1) u (3) sa (7) u l-Anness II, bl-eċċezzjoni tar-resistenza tat-tidwir definiti fit-Tabella 2 tal-Parti B tal-Anness II, li jagħtu approvazzjoni tat-tip ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati tal-KE li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

B'effett mill-1 ta' Novembru 2013, l-awtoritjajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet relatati mal-oqsma tat-tajers koperti mill-Artikolu 9(1) u (3) sa (7) u l-Anness II, bl-eċċezzjoni tal-valuri tar-resistenza tat-tidwir definiti fit-tabella 2 tal-Parti B tal-Anness II, li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' tipi ta' vetturi ġodda tal-kategoriji M, N u O li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

4. Wara d-dati ta' implimentazzjoni stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness V, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, għal raġunijiet relatati mas-sistemi elettroniċi tal-kontroll tal-istabbiltà, jikkunsidraw ċertifikati ta' konformità għal vetturi ġodda tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$, $O_3$ u $O_4$, bħala mhux aktar validi għall-finijiet tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2007/46/KE u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ u t-tqegħid fis-servizz ta' tali vetturi, meta tali vetturi ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

5. B'effett mill-1 ta' Novembru 2014 l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, għal raġunijiet relatati mal-oqsma tas-sikurezza tal-vettura u tat-tajers koperti mill-Artikoli 5,6,7 u 8, Artikolu 9(1) sa (4), Artikolu 11, Artikolu 12(1) u l-Partijiet A u B tal-Anness II, bl-eċċezzjoni tal-valuri limitu għal tajers C3 u l-valuri limitu ta' reżistenza tat-tidwir definiti fit-Tabella 2 tal-Parti B tal-Anness II:

(a) jikkunsidraw ċertifikati ta' konformità għal vetturi ġodda tal-kategoriji speċifikati f'dawk l-Artikoli bħala mhux aktar validi, għall-finijiet tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2007/46/KE u jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ u t-tqegħid fis-servizz ta' tali vetturi meta tali vetturi ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu; u

(b) jipprojbixxu l-bejgħ u t-tqegħid fis-servizz ta' tali komponenti jew unitajiet tekniċi separati li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

6. B'effett mill-1 ta' Novembru 2016, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, għal raġunijiet relatati mal-ħsejjes tat-tidwir tat-tajers, u fir-rigward ta' tajers C3, anke għal raġunijiet relatati mar-reżistenza tat-tidwir tat-tajers, bl-eċċezzjoni tal-valuri limitu tar-reżistenza tat-tidwir stabbiliti fit-tabella 2 tal-Parti B tal-Anness II:

(a) jikkunsidraw ċertifikati ta' konformità għal vetturi ġodda tal-kategoriji M, N u O bħala mhux aktar validi għall-finijiet tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2007/46/KE u jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ u t-tqegħid fis-servizz ta' tali vetturi, meta tali vetturi ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu; u

(b) jipprojbixxu l-bejgħ u t-tqegħid fis-servizz ta' tajers ġodda intenzjonati għal tali vetturi, meta tali tajers ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

7. B'effett mill-1 ta' Novembru 2016 l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet relatati mar-reżistenza tat-tidwir tat-tajers, li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE lill-unitajiet komponenti/separati tekniċi fir-rigward ta' tipi ġodda ta' tajers li ma jikkonformawx mal-valuri ta' limitu tar-reżistenza tat-tidwir stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Parti B tal-Anness II.

8. B'effett mill-1 ta' Novembru 2017 l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet relatati mar-reżistenza tat-tidwir tat-tajers, li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' vettura ġodda tal-kategoriji M, N u O, li ma jikkonformawx mal-valuri ta' limitu tar-reżistenza tat-tidwir stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Parti B tal-Anness II.

9. B'effett mill-1 ta' Novembru 2018, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, għal raġunijiet relatati mal-valuri ta' limitu tar-reżistenza tat-tidwir tat-tajers C1 u C2 stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Parti B tal-Anness II:

(a) jikkunsidraw ċertifikati ta' konformità għal vetturi ġodda tal-kategoriji M, N u O, bħala mhux aktar validi għall-finijiet tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2007/46/KE u jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ u t-tqegħid fis-servizz ta' tali vetturi, meta tali vetturi ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu; u

(b) jipprojbixxu l-bejgħ u t-tqegħid fis-servizz ta' tajers ġodda intenzjonati għal tali vetturi, meta tali tajers ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

10. B'effett mill-1 ta' Novembru 2020, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom:

(a) għal raġunijiet relatati mal-valuri ta' limitu tar-reżistenza tattidwir tat-tajers C3 stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Parti B tal-Anness II, jikkunsidraw ċertifikati ta' konformità għal vetturi ġodda tal-kategoriji M, N u O, bħala mhux aktar validi għall-finijiet tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2007/46/KE, u jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ u t-tqegħid fis-servizz ta' tali vetturi meta tali vetturi ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu; u

(b) jipprojbixxu l-bejgħ u t-tqegħid fis-servizz ta' tajers ġodda intenzjonati għal tali vetturi, meta tali tajers ma jikkonformawx mal-valuri ta' limitu ta' reżistenza tat-tidwir stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Parti B tal-Anness II.

11. Tajers C1, C2 u C3 li kienu manifatturati qabel id-dati stabbiliti fil-paragrafi 5, 6, 9 u 10 u li ma jikkonformawx marrekwiżiti tal-Anness II, jistgħu jinbiegħu għal perjodu li ma jaqbiżx 30 xahar minn dawk id-dati.

12. B'effett mill-1 ta' Novembru 2013 l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet relatati mal-oqsma tassikurezza tal-vetturi koperti fl-Artikolu 10, li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' tipi ġodda ta' vetturi tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$ u $N_3$, fejn dawn il-vetturi ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

13. B'effett mill-1 ta' Novembru 2015, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza tal-vetturi koperti fl-Artikolu 10, jikkunsidraw ċertifikati ta' konformità għal vetturi ġodda tal-kategoriji M, N u O, bħala mhux aktar validi għall-finijiet tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2007/46/KE, u jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ u t-tqegħid fis-servizz ta' tali vetturi ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

14. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jippermettu l-bejgħ u t-tqegħid fis-servizz ta' vetturi, komponenti u unitajiet separati tekniċi b'approvazzjoni tat-tip qabel id-dati msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 u għandhom ikomplu jestendu l-għoti ta' approvazzjonijiet lil dawk il-vetturi, komponenti u unitajiet separati tekniċi skont it-termini tal-att regolatorju li permezz tiegħu dawn kienu oriġinalment mogħtija, sakemm ir-rekwiżiti li japplikaw għal tali vetturi, komponenti u unitajiet separati tekniċi ma ġewx emendati jew ma żdidux rekwiżiti ġodda b'dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jippermettu l-bejgħ u t-tqegħid fis-servizz u għandhom ikomplu jagħtu estensjonijiet lill-approvazzjonijiet tat-tip KE lill-komponenti ta' bdil u lill-unitajiet separati tekniċi, bl-eċċezzjoni ta' spare tajers, intenzjonati għal approvazzjoni tat-tip ta' vetturi qabel id-data msemmija fil-paragrafi 1,2 u 3 skont it-termini tal-att regolatorju li permezz tiegħu dawn kienu oriġinalment permessi jew mogħtija.

15. Mingħajr ħsara għall-paragrafi 1 sa 14, u soġġett għaddħul fis-seħħ tal-miżuri implimentattivi adottati skont l-Artikolu 14, jekk manifattur jitlob dan, l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux, għal raġunijiet relatati mal-oqsma tas-sikurezza ta' vetturi u ta' tajers koperti mill-Artikoli 5 sa 12:

(a) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip ġdid ta' vettura jew li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip ta' unitajiet komponent/separat tekniċi tal-KE lill-tip ġdid ta' komponent jew unità separata teknika, meta tali vettura, komponent jew unita' separata teknika tikkonforma ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu; jew

(b) jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fl-użu ta' vettura ġdida, jew jipprojbixxu l-bejgħ jew t-tqegħid fis-servizz ta' komponent jew unità separata teknika, jekk il-vettura, il-komponent jew l-unità separata teknika konċernati jkunu jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

KAPITOLU IV

## IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 14*

### Miżuri implimentattivi

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri implimentattivi li ġejjin:

(a) regoli dettaljati rigward il-proċeduri speċifiċi, testijiet u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bilmutur, it-trejlers tagħhom u komponenti u unitajiet tekniċi separati fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 12;

(b) regoli dettaljati rigward rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza għal vetturi intenzjonati għal ġarr ta' merkanzija perikoluża fittoroq fl-Istati Membri jew bejn Stat Membru u ieħor, filwaqt li jitqies ukoll ir-Regolament UNECE 105;

(c) definizzjoni aktar preċiża tal-karatteristiċi fiżiċi u tar-rekwiżiti ta' prestazzjoni li tajer għandu jissodisfa biex jiġi definit bħala "tajer ta' użu speċjali", "tajer professjonali off-road", "tajer imsaħħaħ", "tajer *extra* load", "tajer tax-xitwa", "Spare tajer tip T għal użu temporanju" jew "traction tajer" skont il-punti 8 sa 13 tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3;

(d) miżuri li jemendaw il-valuri ta' limitu dwar reżistenza tat-tidwir u l-ħsejjes tad-tidwir stabbiliti fil-Partijiet B u C tal-Anness II safejn dan ikun meħtieġ bħala riżultat tat-tibdil fil-proċeduri tat-testijiet u mingħajr ma jitbaxxa il-livell tal-protezzjoni tal-ambjent;

(e) regoli dettaljati dwar il-proċedura għad-determinazzjoni tal-livelli tal-ħoss imsemmija fil-punt 1 tal-Parti C tal-Anness II;

(f) miżuri li jemendaw l-Anness IV sabiex jinkludu r-Regolamenti UNECE li huma obbligatorji skont l-Artikolu 4(4) tad-Deċiżjoni 97/836/KE.

2. Il-miżuri imsemmija fil-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10, għandhom ikunu adottati sal-31 ta' Diċembru 2010.

Il-miżuri relatati mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 għandhom ikunu adottati sal-31 ta' Diċembru 2011.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri implimentattivi li ġejjin:

(a) miżuri li jeżentaw ċerti vetturi jew klassijiet ta' vetturi tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$ u $N_3$ mill-obbligu li jinstallaw is-sistemi avvanzati tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 10, wara l-analiżi tal-ispiża/tal-benefiċċju u wara li jkun ikkunsidrati l-aspetti rilevanti kollha tas-sikurezza, l-applikazzjoni ta' dawn is-sistemi turi li ma tkunx xierqa għall-vettura jew għall-klassi tal-vetturi konċernati;

(b) sal-31 ta' Diċembru 2010, u fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispiża/tal-benefiċċju, il-miżuri tat-tqassir tal-perjodu stabbilit fl-Artikolu 13(11), li jistgħu jkunu differenzjati skont il-klassi jew il-kategorija tat-tajers kkonċernati.

4. Il-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu, imfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(2).

*Artikolu 15*

**Il-Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Tekniku - Vetturi Motorizzati (TCMV) stabbilit mill-Artikolu 40(1) tad-Direttiva 2007/46/KE.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

KAPITOLU V

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 16*

**Penali għan-nuqqas ta' konformità**

1. Stati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur mill-manifatturi tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali ffissati għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sal-20 ta' Frar 2011 jew, kif xieraq, fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tal-miżuri ta' implimentazzjoni relevanti u għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

2. It-tipi ta' ksur li huma soġġetti għal penali għandhom jinkludu:

(a) dikjarazzjonijiet foloz matul il-proċeduri ta' approvazzjoni jew il-proċeduri li jwasslu għal revoka;

(b) falsifikar tar-riżultati tat-test għall-approvazzjoni tat-tip;

(c) iż-żamma ta' data jew speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu jwasslu għal revoka jew irtirar tal-approvazzjoni tat-tip.

*Artikolu 17*

**Ir-rappurtar**

Sal-1 ta' Diċembru 2012 u kull tliet snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tippreżenta evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li tinkludi, fejn ikun xieraq, proposti għall-emendament ta' dan ir-Regolament jew ta' leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti oħra rigward l-inklużjoni ta' karatteristiċi ta' sikurezza oħra ġodda.

*Artikolu 18*

**Emendi għad-Direttiva 2007/46/KE**

L-Annessi IV, VI, XI u XV tad-Direttiva 2007/46/KE *għandhom jiġu* emendati skont l-*Anness III* ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 19*

**Tħassir**

1. Id-Direttivi 70/221/KEE, 70/222/KEE, 70/311/KEE, 70/387/KEE, 70/388/KEE, 71/320/KEE, 72/245/KEE, 74/60/KEE, 74/61/KEE, 74/297/KEE, 74/408/KEE, 74/483/KEE, 75/443/KEE, 76/114/KEE, 76/115/KEE, 76/756/KEE, 76/757/KEE, 76/758/KEE, 76/759/KEE, 76/760/KEE, 76/761/KEE, 76/762/KEE, 77/389/KEE, 77/538/KEE, 77/539/KEE, 77/540/KEE, 77/541/KEE, 77/649/KEE, 78/316/KEE, 78/317/KEE, 78/318/KEE, 78/549/KEE, 78/932/KEE, 89/297/KEE, 91/226/KEE, 92/21/KEE, 92/22/KEE, 92/24/KEE, 92/114/KEE, 94/20/KE, 95/28/KE, 96/27/KE, 96/79/KE, 97/27/KE, 98/91/KE, 2000/40/KE, 2001/56/KE, 2001/85/KE, 2003/97/KE huma mħassra b'effett mill-1 ta' Novembru 2014.

2. Id-Direttiva 92/23/KEE għandha tiġi mħassra b'effett mill-1 ta' Novembru 2017.

3. Ir-referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 20*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hu għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2011.

L-Artikoli 13(15) u 14 u l-punti 1(a)(iii), 1(b) (iii), 1(b)(iv), 2(c), 3(a)(iii), 3(b)(iii), 3(c)(iii), 3(d)(iii), 3(e)(iii) u 3(f)(i) tal-Anness III għandhom japplikaw mill-20 ta' Awwissu 2009.

Il-punti 1(a)(i), 1(b)(i), 2(a), 3(a)(i), 3(b)(i), 3(c)(i), 3(d)(i), 3(e)(i) u 3(f)(ii) tal-Anness III għandhom japplikaw mill-1 ta' Novembru 2014.

Il-punti 1(a)(ii), 1(b)(ii), 2(b), 3(a)(ii), 3(b)(ii), 3(c)(ii), 3(d)(ii), 3(e)(ii) u l-punt 4 tal-Anness III għandhom japplikaw mill-1 ta' Novembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | E. ERLANDSSON |

*ANNESS I*

**Kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(1) u (2)**

| Suġġett | Applikabilità | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | $M_1$ | $M_2$ | $M_3$ | $N_1$ | $N_2$ | $N_3$ | $O_1$ | $O_2$ | $O_3$ | $O_4$ |
| Tankijiet tal-fjuwil/apparat protettiv posterjuri | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Pjanċa ta' reġistrazzjoni posterjuri | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Sforz għad-dawrien tal-istering | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Lukketti u ċappetti tal-bibien | X | | | X | X | X | | | | |
| Twissija li tinstema' | X | X | X | X | X | X | | | | |
| Apparat għall-viżjoni indiretta | X | X | X | X | X | X | | | | |
| Ibbrejkjar | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Interferenza tar-radju (kompatibilità elettromanjetika) | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Aċċessorji ta' ġewwa | X | | | | | | | | | |
| Apparat kontra s-serq u immobilizzatur | X | X | X | X | X | X | | | | |
| Sistema li tipproteġi s-sewwieq mill-istering | X | | | X | | | | | | |
| Saħħa tas-sijts | X | X | X | X | X | X | | | | |
| Sporġenzi esterni | X | | | | | | | | | |
| Spidometru | X | X | X | X | X | X | | | | |
| Pjanċi (statutarji) | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Ankraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà | X | X | X | X | X | X | | | | |
| Installazzjoni ta' dwal u apparat ta' sinjalazzjoni bid-dawl | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Retroriflettturi | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Fanali 'End-outline', fanali anterjuri (fuq il-ġenb), fanali posterjuri (fuq il-ġenb), fanali tal-waqfien, fanali li jimmarkaw il-ġenb, fanali li jkunu mixgħula l-ħin kollu | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Indikaturi tad-direzzjoni | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Fanali tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni posterjuri | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Fanali ta' quddiem (inklużi l-bozoz) | X | X | X | X | X | X | | | | |
| Fanali taċ-ċpar anterjuri | X | X | X | X | X | X | | | | |
| Ganċijiet tal-irmunkar | X | X | X | X | X | X | | | | |
| Fanali taċ-ċpar posterjuri | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Fanali tar-rivers | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Fanali tal-parking | X | X | X | X | X | X | | | | |
| Ċinturini tas-sigurtà u sistemi ta' lqugħ | X | X | X | X | X | X | | | | |
| Kamp viżiv | X | | | | | | | | | |

| Suġġett | Applikabilità | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | $M_1$ | $M_2$ | $M_3$ | $N_1$ | $N_2$ | $N_3$ | $O_1$ | $O_2$ | $O_3$ | $O_4$ |
| Identifikazzjoni tal-kontrolli, tell-tales u indikaturi | X | X | X | X | X | X | | | | |
| Sistemi li jneħħu s-silġ u l-fwar minn fuq il-ħġieġ | X | (1) | (1) | (1) | (1) | (1) | | | | |
| Sistemi ta' ħasil/wajpers | X | (2) | (2) | (2) | (2) | (2) | | | | |
| Sistemi tas-sħana | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Protezzjoni tar-roti | X | | | | | | | | | |
| Tagħmir biex iżomm u jipproteġi r-ras | X | | | | | | | | | |
| Protezzjoni laterali | | | | | X | X | | | X | X |
| Sistemi li jrażżnu t-titjir tal-ilma | | | | | X | X | | | X | X |
| Ħġieġ tas-sikurezza | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Tajers | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Sistemi li jillimitaw il-veloċità | | X | X | | X | X | | | | |
| Piżijiet u dimensjonijiet | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Sporġenzi esterni tal-kabini | | | | X | X | X | | | | |
| Couplings | X (3) | X (3) | X (3) | X (3) | X (3) | X (3) | X | X | X | X |
| Fjammabilità | | | X | | | | | | | |
| Xarabanks u coaches | | X | X | | | | | | | |
| Daqqa minn quddiem | X (4) | | | | | | | | | |
| Daqqa mill-ġenb | X (5) | | | X (5) | | | | | | |
| Vetturi maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża | | | | X (6) | X (6) | X (6) | X (6) | X (6) | X (6) | X (6) |
| Protezzjoni tal-underrun ta' quddiem | | | | | X | X | | | | |

(1) Vetturi ta' din il-kategorija għandu jkollhom tagħmir ta' ddefrostjar u ddemistjar tal-windskrin adegwat.
(2) Vetturi ta' din il-kategorija għandu jkollhom tagħmir ta' ħasil u timsiħ tal-windskrin adegwat.
(3) Biss għal vetturi mgħammra bil-kaplings.
(4) Mhux aktar minn 2,5 tunnellati ta' massa mgħobbija massima li hija teknikament permissibbli.
(5) Applikabbli biss għal vetturi fejn il-"Punt ta' Referenza tal-post ta' bil-qiegħda (il-punt "R")" tal-aktar sit baxx mhux aktar għoli minn 700 mm 'il fuq mill-art. Il-punt 'R' huwa ddefinit fir-Regolament 95 UNECE.
(6) Biss meta l-manifattur japplika għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura intiża għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża.

*ANNESS II*

**Rekwiżiti għal Tajers rigward l-irbit fl-imxarrab, ir-reżistenza tat-tidwir u l-ħsejjes tat-tidwir**

PARTI A – REKWIŻITI TAL-IRBIT FL-IMXARRAB

It-tajers tal-klassi C1 għandhom jissodisfaw r-rekwiżiti li ġejjin:

| Kategorija ta' użu | Indiċi tal-irbit fl-imxarrab (G) |
|---|---|
| tajer tax-xitwa b'simbolu ta' veloċità ("Q" jew taħt, eskluż "H") li jindika veloċità massima permissibbli li ma tkunx aktar minn 160 km/s. | ≥ 0,9 |
| tajer tax-xitwa b'simbolu ta' veloċità ("R" jew aktar, inkluż "H") li jindika veloċità massima permissibbli aktar minn 160 km/s. | ≥ 1,0 |
| tajer normali (li jintuża fit-toroq) | ≥ 1,1 |

PARTI B – REKWIŻITI TAR-REŻISTENZA TAT-TIDWIR

Il-valuri massimi għall-koeffiċjenza tar-reżistenza tat-tidwir għal kull tip ta' tajer, kalkulati skont l-ISO 28580, ma għandhomx ikunu aktar milli ġej:

*Tabella 1*

| Klassi tat-tajer | Valur Massimu (kg/tunnellata) l-ewwel stadju |
|---|---|
| C1 | 12,0 |
| C2 | 10,5 |
| C3 | 8,0 |

*Tabella 2*

| Klassi *tat-tajer* | Valur Massimu (kg/tunnellata) |
|---|---|
| C1 | 10,5 |
| C2 | 9,0 |
| C3 | 6,5 |

Għat-tajers tax-xitwa, il-limiti fit-tabella 2 għandhom jiżdiedu b'1 kg/tunnellata.

PARTI C – REKWIŻITI TAL-ĦSEJJES TAT-TIDWIR

1. Il-livelli tal-ħsejjes determinati skont il-proċedura speċifika fl-implimentazzjoni tal-miżuri għal dan ir-Regolament ma għandhomx ikun aktar mil-limiti indikati fil-punti 1.1 jew 1.2. It-tabelli fil-punti 1.1 u 1.2 jirrappreżentaw il-valuri kalkulati koreġuti għal temperatura, minbarra fil-każ tat-tajers C3, u t-toleranza tal-istrument u rrawndjati għall-eqreb valur sħiħ.

1.1. It-tajers tal-Klassi C1, b'referenza għal wisa' tas-sezzjoni nominali tat-tajer li ġie ttestjat:

| Klassi tat-tajer | Wisa' nominali tas-sezzjoni (mm) | Valuri limitu f'dB(A) |
|---|---|---|
| C1A | ≤ 185 | 70 |
| C1B | > 185 ≤ 215 | 71 |
| C1C | > 215 ≤ 245 | 71 |
| C1D | > 245 ≤ 275 | 72 |
| C1E | > 275 | 74 |

Fil-każ ta' tajers tax-xitwa, tajers li jifilħu aktar piż u tajers imsaħħa, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn il-klassifikazzjonijiet, il-limiti ta' hawn fuq għandhom jiżdiedu b'1 dB(A).

1.2. Il-klassi C2 u t-tajers C3, b'referenza għall-kategorija ta' użu tal-firxa ta' tajers:

| Klassi tat-tajer | Kategorija ta' użu | Valuri limitu f'dB(A) |
|---|---|---|
| C2 | Tajers normali | 72 |
| | Traction tajers | 73 |
| C3 | Tajers normali | 73 |
| | Traction tajers | 75 |

Għal tajers għal użu speċjali, il-limiti ta' hawn fuq għandhom jiżdiedu b'2 dB(A). 2 dB (A) addizzjonali għandhom ikunu permessi għall tajers tax-xitwa fil-kategorija C2 tat-traction tajer. Għall-kategoriji l-oħra kollha ta' tajers C2 u C3, 1 dB (A) addizzjonali għandu jkun permess għat-tajers tax-xitwa.

*ANNESS III*

**Emendi għad-Direttiva 2007/46/KE**

Id-Direttiva 2007/46/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Il-Parti I tal-Anness IV għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) It-Tabella għandha tiġi emendat kif ġej:

(i) Il-punti 3 sa 10, 12 sa 38, 42 sa 45 u 47 sa 57 għandhom jitħassru;

(ii) Il-punt 46 għandu jitħassar;

(iii) Ir-ringiela li ġejja għandha tiżdied:

| Punt | Suġġett | Referenza għall-att regolatorju | Referenza għall-Ġurnal Uffiċjali | Applikabilità | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | $M_1$ | $M_2$ | $M_3$ | $N_1$ | $N_2$ | $N_3$ | $O_1$ | $O_2$ | $O_3$ | $O_4$ |
| "63 | Sikurezza ġenerali | Regolament (KE) Nru 661/2009 | ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1. | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X" |

(b) L-Appendiċi għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) Il-punti 3 sa 10, 12 sa 37, 44, 45 u 50 sa 54 tat-tabella għandhom jiġu mħassra;

(ii) Il-punt 46 tat-Tabella għandu jitħassar;

(iii) Ir-ringiela li ġejja għandha tiżdied:

| | Suġġett | Referenza għall-att regolatorju | Referenza għall-Ġurnal Uffiċjali | $M_1$ |
|---|---|---|---|---|
| "63 | Sikurezza ġenerali | Regolament (KE) Nru 661/2009 | ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1. | P/A" |

(iv) F'"ċavetta", għandu jiżdied it-test li ġej:

"P/A: Dan ir-Regolament hu parzjalment applikabbli. L-iskop preċiż ta' applikazzjoni hu stabbilit fil-miżuri ta' implimentazzjoni għal dan ir-Regolament."

(2) Fl-Appendiċi għall-Anness VI, it-tabella għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Il-punti 3 sa 10, 12 sa 38, 42 sa 45 u 47 sa 57 għandhom jitħassru;

(b) Il-punt 46 għandu jitħassar;

(c) Ir-ringiela li ġejja għandha tiżdied:

| | Suġġett | Referenza għall-att regolatorju [1] | Kif emendat bi | Applikabbli għall-verżjonijiet |
|---|---|---|---|---|
| "63 | Sikurezza ġenerali | Regolament (KE) Nru 661/2009" | | |

(3) L-Anness XI għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fl-Appendiċi 1, it-tabella għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) Il-punti 3 sa 10, 12 sa 38, 44, 45 u 47 sa 54 għandhom jitħassru;

(ii) Il-punt 46 għandu jitħassar;

(iii) Ir-ringiela li ġejja għandha tiżdied:

| Punt | Suġġett | Referenza għall-att regolatorju | $M_1$ ≤ 2 500 (1) kg | $M_1$ > 2 500 (1) kg | $M_2$ | $M_3$ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "63 | Sikurezza ġenerali | Regolament (KE) Nru 661/2009 | P/A | P/A | P/A | P/A" |

(b) Fl-Appendiċi 2, it-tabella għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) Il-punti 3 sa 10, 12 sa 38, 42 sa 45 u 47 sa 57 għandhom jitħassru;

(ii) Il-punt 46 għandu jitħassar;

(iii) Ir-ringiela li ġejja għandha tiżdied:

| Punt | Suġġett | Referenza għall-att regolatorju | $M_1$ | $M_2$ | $M_3$ | $N_1$ | $N_2$ | $N_3$ | $O_1$ | $O_2$ | $O_3$ | $O_4$ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "63 | Sikurezza ġenerali | Regolament (KE) Nru 661/2009 | P/A | P/A | P/A | P/A | P/A | P/A | P/A | P/A | P/A | P/A" |

(c) Fl-Appendiċi 3, it-tabella għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) Il-punti 3 sa 10, 12 sa 37, 44, 45 u 50 sa 54 għandhom jitħassru;

(ii) Il-punt 46 għandu jitħassar;

(iii) Ir-ringiela li ġejja għandha tiżdied:

| Punt | Suġġett | Referenza għall-att regolatorju | $M_1$ |
|---|---|---|---|
| "63 | Sikurezza ġenerali | Regolament (KE) Nru 661/2009 | P/A" |

(d) Fl-Appendiċi 4, it-tabella għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) Il-punti 3 sa 10, 13 sa 36, 42 sa 45 u 47 sa 57 għandhom jitħassru;

(ii) Il-punt 46 għandu jitħassar;

(iii) Ir-ringiela li ġejja għandha tiżdied:

| Punta | Suġġett | Referenza għall-att regolatorju | $M_2$ | $M_3$ | $N_1$ | $N_2$ | $N_3$ | $O_1$ | $O_2$ | $O_3$ | $O_4$ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "63 | Sikurezza ġenerali | Regolament (KE) Nru 661/2009 | P/A | P/A | P/A | P/A | P/A | P/A | P/A | P/A | P/A" |

(e) Fl-Appendiċi 5, it-tabella għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) Il-punti 3 sa 10, 12 sa 36, 42 sa 45 u 47 sa 57 għandhom jitħassru;

(ii) Il-punt 46 għandu jitħassar;

(iii) Ir-ringiela li ġejja għandha tiżdied:

| Punt | Suġġett | Referenza għall-att regolatorju | Krejn mobbli ta' kategorija $N_3$ |
|---|---|---|---|
| "63 | Sikurezza ġenerali | Regolament (KE) Nru 661/2009 | P/A" |

(f) "Tifsira tal-ittri" għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) Il-punti C, U, $W_5$, u $W_6$ għandhom jitħassru;

(ii) It-test li ġej għandu jiżdied:

"P/A: Dan l-att regolatorju hu parzjalment applikabbli. L-ambitu preċiż ta' applikazzjoni hu stabbilit fil-miżuri ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament."

(4) Fit-tabella fl-Anness XI, il-punt 46 għandu jitħassar.

*ANNESS IV*

**Lista tar-Regolamenti UNECE applikabbli fuq bażi obbligatorja**

---

*ANNESS V*

**Dati ta' implementazzjoni tar-Rekwiżiti għas-Sistemi Elettroniċi għall-Kontroll tal-Istabilità fuq vetturi fil-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$, $O_3$ u $O_4$**

*Tabella 1 — Dati ta' implementazzjoni għal tipi ġodda ta' vettura*

| Kategorija ta' vettura | Data ta' implimentazzjoni |
|---|---|
| $M_2$ | fil-11 ta' Lulju 2013. |
| $M_3$ (Klassi III) | fl-1 ta' Novembru 2011. |
| $M_3$ < 16-il tunnellata ('pneumatic transmission') | fl-1 ta' Novembru 2011. |
| $M_3$ (Klassi II u B ('hydraulic transmission') | fil-11 ta' Lulju 2013. |
| $M_3$ (Klassi III) ('hydraulic transmission') | fil-11 ta' Lulju 2013. |
| $M_3$ (Klassi III) ("pneumatic control transmission" u "hydraulic energy transmission") | fil-11 ta' Lulju 2014. |
| $M_3$ (Klassi II) ('pneumatic control transmission' u 'hydraulic energy transmission') | fil-11 ta' Lulju 2014. |
| $M_3$ (barra dawn t'hawn fuq) | fl-1 ta' Novembru 2011. |
| $N_2$ ('hydraulic transmission') | fil-11 ta' Lulju 2013. |
| $N_2$ ('pneumatic control transmission' u | fil-11 ta' Lulju 2014. |
| $N_2$ (barra dawn t'hawn fuq) | fil-11 ta' Lulju 2012. |
| $N_3$ (Żwiemel b'2 fusijiet għas-semitrejlers) | fl-1 ta' Novembru 2011. |
| $N_3$ (Żwiemel b'2 fusijiet għas-semitrejlers bil-'pneumatic control transmission' (ABS)) | fl-1 ta' Novembru 2011. |
| $N_3$ (3 fusijiet bl-'electric control transmission' (EBS)) | fl-1 ta' Novembru 2011. |
| $N_3$ (2 u 3 fusijiet bil-'pneumatic control transmission' (ABS)) | fil-11 ta' Lulju 2012. |
| $N_3$ (barra dawn t'hawn fuq) | fl-1 ta' Novembru 2011. |
| $O_3$ (toqol tal-fus ikkombinat bejn 3,5 u 7,5 tunnellati) | fil-11 ta' Lulju 2012. |
| $O_3$ (barra dawn t'hawn fuq) | fl-1 ta' Novembru 2011. |
| $O_4$ | fl-1 ta' Novembru 2011. |

*Tabella 2 — Dati ta' implementazzjoni għal tipi ġodda ta' vettura*

| Kategorija ta' vettura | Data ta' implimentazzjoni |
|---|---|
| $M_2$ | fil-11 ta' Lulju 2015. |
| $M_3$ (Klassi III) | fl-1 ta' Novembru 2014. |
| $M_3$ < 16-il tunnellata ('pneumatic transmission') | fl-1 ta' Novembru 2014. |
| $M_3$ Klassi II u B ('hydraulic transmission') | fil-11 ta' Lulju 2015. |
| $M_3$ (Klassi III) ('hydraulic transmission') | fil-11 ta' Lulju 2015. |
| $M_3$ (Klassi III) ('pneumatic control transmission' u 'hydraulic energy transmission') | fil-11 ta' Lulju 2016. |
| $M_3$ (Klassi II) ('pneumatic control transmission' u 'hydraulic energy transmission') | fil-11 ta' Lulju 2016. |
| $M_3$ (barra dawn t'hawn fuq) | fl-1 ta' Novembru 2014. |
| $N_2$ ('hydraulic transmission') | fil-11 ta' Lulju 2015. |
| $N_2$ ('pneumatic control transmission' u 'hydraulic energy transmission') | fil-11 ta' Lulju 2016. |
| $N_2$ (barra dawn t'hawn fuq) | fl-1 ta' Novembru 2014. |
| $N_3$ (Żwiemel b'2 fusijiet għas-semitrejlers) | fl-1 ta' Novembru 2014. |
| $N_3$ (Żwiemel b'2 fusijiet għas-semitrejlers bil-'pneumatic control transmission' (ABS)) | fl-1 ta' Novembru 2014. |
| $N_3$ (3 fusijiet bl-'electric control transmission' (EBS)) | fl-1 ta' Novembru 2014. |
| $N_3$ (2 u 3 fusijiet bil-'pneumatic control transmission' (ABS)) | fl-1 ta' Novembru 2014. |
| $N_3$ (barra dawn t'hawn fuq) | fl-1 ta' Novembru 2014. |
| $O_3$ (toqol tal-fus ikkombinat bejn 3,5 u 7,5 tunnellati) | fl-1 ta' Novembru 2014. |
| $O_3$ (barra dawn t'hawn fuq) | fl-1 ta' Novembru 2014. |
| $O_4$ | fl-1 ta' Novembru 2014. |

# REGOLAMENT (KE) Nru 662/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-13 ta' Lulju 2009

## li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar materji partikolari li jikkonċernaw il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 61(c), 65 u 67(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura *stabbilita* fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) It-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat jipprevedi l-bażi legali għall-adozzjoni ta' leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili.

(2) Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi kienet tradizzjonalment irregolata minn ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. Dawn il-ftehimiet, li minnhom hemm numru kbir, spiss jirriflettu rabtiet speċjali bejn Stat Membru u pajjiż terz u huma intenzjonati biex jipprovdu qafas legali adegwat biex jintlaħqu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-partijiet ikkonċernati.

(3) L-Artikolu 307 tat-Trattat jeħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha xierqa biex tiġi eliminata kwalunkwe inkompatibbiltà bejn l-*acquis* tal-Komunità u l-ftehimiet internazzjonali konklużi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. Dan jista' jinvolvi l-ħtieġa għar-rinegozjar ta' dawn il-ftehimiet.

(4) Sabiex jiġi pprovdut qafas legali adegwat biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet speċifiċi ta' Stat Membru partikolari fir-relazzjonijiet tiegħu ma' pajjiż terz, jista' jkun hemm ukoll ħtieġa evidenti għall-konklużjoni ta' ftehimiet ġodda ma' pajjiżi terzi relatati mal-oqsma tal-ġustizzja ċivili li jaqgħu fl-ambitu tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat.

(5) Fl-Opinjoni 1/03 tagħha tas-7 ta' Frar 2006 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni l-ġdida ta' Lugano, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ikkonfermat li l-Komunità akkwistat ġuriżdizzjoni esklussiva biex tikkonkludi ftehim internazzjonali bħall-Konvenzjoni ta' Lugano ma' pajjiżi terzi dwar materji li jaffettwaw ir-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ([2]) (Brussell I).

(6) Hija il-Komunità li għandha tikkonkludi, skont l-Artikolu 300 tat-Trattat, ftehimiet bejn il-Komunità u pajjiż terz dwar materji li jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

(7) L-Artikolu 10 tat-Trattat jobbliga lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-ksib tal-kompiti tal-Komunità u biex jastjenu minn kwalunkwe miżura li tista' tipperikola r-realizzazzjoni tal-għanijiet tat-Trattat. Dan id-dmir ta' kooperazzjoni leali huwa ta' applikazzjoni ġenerali u ma jiddependix fuq jekk il-kompetenza tal-Komunità hijiex esklussiva jew le.

(8) Fir-rigward tal-ftehimiet ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' ġustizzja ċivili li jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-Komunità, għandha tiġi stabbilita proċedura koerenti u trasparenti li tawtorizza Stat Membru li jemenda ftehim eżistenti jew li jinnegozja u jikkonkludi ftehim ġdid, b'mod partikolari meta l-Komunità nnifisha ma tkunx indikat l-intenzjoni tagħha li teżerċita l-kompetenza esterna tagħha biex tikkonkludi ftehim permezz ta' mandat għan-negozjar diġà eżistenti jew mandat għan-negozjar previst. Din il-proċedura għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza esklussiva tal-Komunità u għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 300 u 307 tat-Trattat. Din għandha titqies bħala miżura eċċezzjonali u għandha tkun limitata fil-kamp ta' applikazzjoni u fiż-żmien.

(9) Dan ir-Regolament m'għandux japplika jekk il-Komunità tkun diġà kkonkludiet ftehim mal-pajjiż terz ikkonċernat dwar l-istess suġġett. Żewġ ftehimiet għanhom jitqiesu li jikkonċernaw l-istess suġġett biss jekk, u sakemm, ikunu jirregolaw fis-sustanza l-istess kwistjonijiet legali speċifiċi. Dispożizzjonijiet li jiddikkjaraw sempliċiment intenzjoni ġenerali li ssir kooperazzjoni fi kwistjonijiet bħal dawn m'għandhomx jitqiesu li jikkonċernaw l-istess suġġett.

([1]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2009 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009.

([2]) ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

(10) B’mod eċċezzjonali, ċerti ftehimiet reġjonali bejn numru żgħir ta’ Stati Membri u numru żgħir ta’ pajjiżi terzi, pereżempju tnejn jew tlieta, intenzjonati li jindirizzaw sitwazzjonijiet lokali u fejn ma jkunx possibbli li Stati oħra ikunu parti għalihom għandhom ikunu koperti wkoll minn dan ir-Regolament.

(11) Sabiex jiġi żgurat li ftehim previst min Stat Membru ma jirrendix il-liġi Komunitarja ineffettiva, u ma jikkompromettix il-funzjonament tajjeb tas-sistema stabbilita minn dik il-liġi, jew ma jikkompromettix il-politika Komunitarja dwar ir-relazzjonijiet esterni kif deċiża mill-Komunità, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun meħtieġ jinnotifika lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tiegħu bil-ħsieb li tinkiseb awtorizzazzjoni biex jinfetħu jew jitkomplew in-negozjati formali dwar ftehim kif ukoll biex jiġi konkluż ftehim. Tali notifika għandha tingħata b’ittra jew b’mezzi elettroniċi. Din għandu jkun fiha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti li tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt mistenni fuq il-liġi Komunitarja tal-eżitu tan-negozjati.

(12) Għandha jkun ivvalutat jekk hemmx biżżejjed interess Komunitarju fil-konklużjoni ta’ ftehim bilaterali bejn il-Komunità u l-pajjiż terz ikkonċernat jew, fejn ikun xieraq, fis-sostituzzjoni ta’ ftehim bilaterali eżistenti bejn Stat Membru u pajjiż terz bi ftehim Komunitarju. Għal dak il-għan, l-Istati Membri kollha għandhom ikunu infurmati bi kwalunkwe notifika riċevuta mill-Kummissjoni dwar ftehim previst minn Stat Membru sabiex huma jkunu jistgħu juru l-interess tagħhom li jissieħbu fl-inizjattiva tal-Istat Membru li jkun bagħat in-notifika. Jekk, minn dan l-iskambju ta’ informazzjoni, jirriżulta li jkun hemm interess Komunitarju suffiċjenti, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tipproponi mandat għan-negozjar bil-ħsieb tal-konklużjoni ta’ ftehim bejn il-Komunità u l-pajjiż terz ikkonċernat.

(13) Jekk il-Kummissjoni titlob informazzjoni addizzjonali minn Stat Membru b’rabta mal-valutazzjoni tiegħu dwar jekk dak l-Istat Membru għandux ikun awtorizzat li jiftaħ negozjati ma’ pajjiż terz, tali talba m’għandhiex taffettwa l-limiti ta’ żmien li fihom il-Kummissjoni għandha tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni ta’ dak l-Istat Membru.

(14) Meta tkun qed tagħti l-awtorizzazzjoni għall-ftuħ ta’ negozjati formali, il-Kummissjoni għandha tkun tista’, fejn ikun meħtieġ, tipproponi linji gwida għan-negozjar jew titlob li jiddaħħlu klawsoli partikolari fil-ftehim previst. Il-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata bis-sħiħ matul l-istadji differenti tan-negozjati safejn għandhom x’jaqsmu l-materji li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament u għandha titħalla tipparteċipa bħala osservatriċi fin-negozjati fir-rigward ta’ dawk il-materji.

(15) Meta jkunu qed jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jibdew negozjati ma’ pajjiż terz, l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa biss li jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-elementi li huma ta’ rilevanza għall-valutazzjoni li trid issir mill-Kummissjoni. L-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni u kwalunkwe linja gwida għan-negozjar possibbli jew, skont il-każ, iċ-ċaħda mill-Kummissjoni għandha tikkonċerna biss materji li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament.

(16) L-Istati Membri kollha għandhom jiġu infurmati bi kwalunkwe notifika lill-Kummissjoni dwar ftehimiet previsti jew innegozjati u dwar kwalunkwe deċiżjoni motivata mill-Kummissjoni taħt dan ir-Regolament. Informazzjoni bħal din, madankollu, għandha tkun konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti ta’ kunfidenzjalità li jista’ jkun hemm.

(17) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni identifikata bħala kunfidenzjali tkun trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([1]).

(18) Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-valutazzjoni tagħha, ikollha l-intenzjoni li ma tawtorizzax il-ftuħ ta’ negozjati formali jew il-konklużjoni ta’ ftehim innegozjat, hija għandha, qabel tagħti d-deċiżjoni motivata tagħha, tagħti opinjoni lill-Istat Membru kkonċernat. Fil-każ ta’ ċaħda ta’ awtorizzazzjoni għall-konklużjoni ta’ ftehim innegozjat l-opinjoni għandha tiġi ppreżentata wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(19) Sabiex jiġi żgurat li l-ftehim innegozjat ma jkunx jikkostitwixxi ostaklu għall-implimentazzjoni tal-politika esterna tal-Komunità dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili u kummerċjali, il-ftehim għandu jipprevedi jew għad-denunzja totali jew parzjali tiegħu fil-każ tal-konklużjoni ta’ ftehim sussegwenti bejn il-Komunità jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-istess pajjiż terz, min-naħa l-oħra, dwar l-istess suġġett, jew għal sostituzzjoni diretta tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim bid-dispożizzjonijiet ta’ tali ftehim sussegwenti.

(20) Għandhom jiġu previsti miżuri transitorji li jkopru sitwazzjonijiet fejn, fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, Stat Membru jkun diġà beda l-proċess li jinnegozja ftehim ma’ pajjiż terz, jew ikun lesta n-negozjati iżda ma jkunx għadu esprima l-kunsens tiegħu li jintrabat bil-ftehim.

([1]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

(21) Sabiex ikun żgurat li nkisbet esperjenza biżżejjed dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar din l-applikazzjoni mhux qabel tmien snin wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tal-prerogattivi tagħha, għandha tikkonferma n-natura temporanja ta' dan ir-Regolament jew teżamina jekk dan ir-Regolament għandux jiġi sostitwit b'Regolament ġdid li jkopri l-istess suġġett jew li jinkludi wkoll materji partikolari li jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-Komunità u rregolati minn strumenti Komunitarji oħra, kif imsemmi fil-premessa 5.

(22) Jekk ir-rapport ippreżentat mill-Kummissjoni jikkonferma n-natura temporanja ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom xorta jkun jistgħu, wara l-preżentazzjoni tar-rapport, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar negozjati li għaddejjin jew li diġà tħabbru bil-ħsieb li tinkiseb awtorizzazzjoni biex jinfetħu negozjati formali.

(23) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

(24) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda taw notifika tax-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(25) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċedura li tawtorizza Stat Membru jemenda ftehim eżistenti jew jinnegozja u jikkonkludi ftehim ġdid ma' pajjiż terz, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Din il-proċedura hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Komunità u tal-Istati Membri.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal ftehimiet li jikkonċernaw materji partikolari li jaqgħu, kompletament jew parzjalment, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) ([1]) u tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) ([2]).

3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika jekk il-Komunità tkun diġà kkonkludiet ftehim mal-pajjiż terz ikkonċernat dwar l-istess suġġett.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "ftehim" għandu jfisser:

(a) ftehim bilaterali bejn Stat Membru u pajjiż terz;

(b) ftehim reġjonali bejn numru limitat ta' Stati Membri u ta' pajjiżi terzi li jikkonfinaw dawk l-Istati Membri li jkun intenzjonat li jittratta sitwazzjonijiet lokali u li Stati oħra ma jistgħux jissieħbu fih.

2. Fil-kuntest ta' ftehimiet reġjonali kif imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, kwalunkwe referenza f'dan ir-Regolament għal pajjiż terz għandha tinqara bħala referenza għall-Istat Membru jew il-pajjiżi terzi kkonċernati, rispettivament.

*Artikolu 3*

**Notifika lill-Kummissjoni**

1. Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jidħol f'negozjati sabiex jemenda ftehim eżistenti jew biex jikkonkludi ftehim ġdid li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miktub bl-intenzjoni tiegħu mill-aktar fis possibbli qabel il-ftuħ previst tan-negozjati formali.

2. In-notifika għandha tinkludi, kif ikun xieraq, kopja tal-ftehim eżistenti, l-abbozz tal-ftehim jew l-abbozz tal-proposta, u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra. L-Istat Membru għandu jiddeskrivi s-suġġett tan-negozjati u jispeċifika l-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati fil-ftehim previst, jew id-dispożizzjonijiet tal-ftehim eżistenti li għandhom jiġu emendati. L-Istat Membru jista' jipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali oħra.

*Artikolu 4*

**Valutazzjoni mill-Kummissjoni**

1. Mal-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-Istat Membru jistax jiftaħ negozjati formali.

([1]) ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.
([2]) ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40.

2. Meta tagħmel dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha l-ewwel tivverifika jekk huwiex speċifikament previst xi mandat għan-negozjar rilevanti bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' ftehim Komunitarju mal-pajjiż terz ikkonċernat fl-24 xahar li jsegwu. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk ikunux ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-Istat Membru kkonċernat ikun ipprovda l-informazzjoni li turi li għandu interess speċifiku fil-konklużjoni tal-ftehim minħabba rabtiet ekonomiċi, ġeografiċi, kulturali, storiċi, soċjali jew politiċi bejn l-Istat Membru u l-pajjiż terz ikkonċernat;

(b) abbażi tal-informazzjoni provduta mill-Istat Membru, il-ftehim previst ma jidhirx li jirrendi ineffettiva l-liġi Komunitarja u li jimmina l-funzjonament tajjeb tas-sistema stabbilita b'dik il-liġi; u

(c) il-ftehim previst m'għandux jimmina s-suġġett u l-fini tal-politika Komunitarja dwar ir-relazzjonijiet esterni kif deċiż mill-Komunità.

3. Jekk l-informazzjoni provduta mill-Istat Membru ma tkunx biżżejjed għall-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali.

*Artikolu 5*

**Awtorizzazzjoni għall-ftuħ ta' negozjati formali**

1. Jekk il-ftehim previst jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-Kummissjoni għandha, fi żmien 90 jum minn meta tirċievi n-notifika msemmija fl-Artikolu 3, tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru li tawtorizzah li tiftaħ negozjati formali dwar dak il-ftehim.

Fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida għan-negozjar u tista' titlob li jiġu inklużi klawsoli partikolari fil-ftehim previst.

2. Il-ftehim previst għandu jinkludi klawsola li tipprevedi jew:

(a) denunzja sħiħa jew parzjali tal-ftehim fil-każ tal-konklużjoni ta' ftehim sussegwenti bejn il-Komunità jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-istess pajjiż terz, min-naħa l-oħra, dwar l-istess suġġett; jew

(b) sostituzzjoni diretta tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim bid-dispożizzjonijiet ta' ftehim sussegwenti konkluż bejn il-Komunità jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-istess pajjiż terz, min-naħa l-oħra, dwar l-istess suġġett.

Il-klawsola msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi formulata fuq il-mudell li ġej: "(l-isem/ismijiet tal-Istat(i) Membru/i) għandu jiddenunzja dan il-ftehim, parzjalment jew bis-sħiħ, jekk u meta l-Komunità Ewropea jew il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha jikkonkludu Ftehim ma' (l-isem/ismijiet tal-pajjiż(i) terz(i)) dwar l-istess materji ta' ġustizzja ċivili bħal dawk irregolati minn dan il-Ftehim".

Il-klawsola msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi formulata fuq il-mudell li ġej: "Dan il-Ftehim jew ċerti dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim m'għandhomx jibqgħu applikabbli fil-jum li fih ikun daħal fis-seħħ Ftehim bejn il-Komunità Ewropea jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u (l-isem/ismijiet tal-pajjiż(i) terz(i)), min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-materji rregolati mill-Ftehim tal-aħħar".

*Artikolu 6*

**Ċaħda tal-awtorizzazzjoni għall-ftuħ ta' negozjati formali**

1. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li ma tawtorizzax il-ftuħ ta' negozjati formali dwar il-ftehim previst, hija għandha tagħti opinjoni lill-Istat Membru kkonċernat fi żmien 90 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3.

2. Fi żmien 30 jum mill-wasla tal-opinjoni tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tibda diskussjonijiet miegħu bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni.

3. Jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jitlobx lill-Kummissjoni biex tibda diskussjonijiet miegħu fil-limitu ta' żmien previst fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien 130 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3.

4. Fil-każ tad-diskussjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien 30 jum mill-għeluq tad-diskussjonijiet.

*Artikolu 7*

**Parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fin-negozjati**

Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa bħala osservatriċi fin-negozjati bejn l-Istat Membru u l-pajjiż terz fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jekk il-Kummissjoni ma tipparteċipax bħala osservatriċi, hija għandha tinżamm infurmata dwar il-progress u r-riżultati matul l-istadji differenti tan-negozjati.

*Artikolu 8*

**Awtorizzazzjoni għall-konklużjoni tal-ftehim**

1. Qabel l-iffirmar ta' ftehim innegozjat, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika l-eżitu tan-negozjati lill-Kummissjoni u għandu jitrasmettilha t-test tal-ftehim.

2. Mal-wasla ta' din in-notifika l-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-ftehim innegozjat:

(a) jirrispettax il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (b) tal-Artikolu 4(2);

(b) jirrispettax il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (c) tal-Artikolu 4(2), sakemm ikun hemm ċirkostanzi ġodda u eċċezzjonali fir-rigward ta' dik il-kondizzjoni; u

(c) jissodisfax ir-rekwiżit taħt l-Artikolu 5(2).

3. Jekk il-ftehim innegozjat jirrispetta l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha, fi żmien 90 jum minn meta tirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru li tawtorizzah jikkonkludi dak il-ftehim.

*Artikolu 9*

**Ċaħda tal-awtorizzazzjoni għall-konklużjoni tal-ftehim**

1. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 8(2), il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li ma tawtorizzax il-konklużjoni tal-ftehim innegozjat, hija għandha tagħti opinjoni lill-Istat Membru kkonċernat, kif ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fi żmien 90 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 8(1).

2. Fi żmien 30 jum mill-wasla tal-opinjoni tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tibda diskussjonijiet miegħu bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni.

3. Jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jitlobx lill-Kummissjoni biex tibda diskussjonijiet miegħu fil-limitu ta' żmien previst fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien 130 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 8(1).

4. Fil-każ tad-diskussjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien 30 jum mill-għeluq tad-diskussjonijiet.

5. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bid-deċiżjoni tagħha fi żmien 30 jum mid-deċiżjoni.

*Artikolu 10*

**Kunfidenzjalità**

Meta tipprovdi l-informazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikoli 3, 4(3) u 8, l-Istat Membru jista' jindika jekk xi nformazzjoni għandhiex titqies bħala kunfidenzjali u jekk l-informazzjoni provduta tistax tinqasam ma' Stati Membri oħra.

*Artikolu 11*

**Għoti ta' informazzjoni lill-Istati Membri**

Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Istati Membri n-notifiki li jkunu waslu skont l-Artikoli 3 u 8 u, jekk ikun meħtieġ, id-dokumenti supplimentari, kif ukoll id-deċiżjonijiet motivati kollha tagħha skont l-Artikoli 5, 6, 8 u 9, soġġett għar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità.

*Artikolu 12*

**Dispożizzjonijiet transitorji**

1. Fejn, fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, Stat Membru jkun diġà beda l-proċess li jinnegozja ftehim ma' pajjiż terz, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 sa 11.

Fejn l-istadju tan-negozjati jippermetti dan, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida għan-negozjati jew titlob l-inklużjoni ta' klawsoli partikolari, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 5(2) rispettivament.

2. Fejn, fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, Stat Membru jkun diġà kkonkluda n-negozjati iżda ma jkunx għadu kkonkluda l-ftehim, għandhom japplikaw l-Artikolu 3, l-Artikolu 8(2) sa (4) u l-Artikolu 9.

*Artikolu 13*

**Reviżjoni**

1. Mhux qabel it-13 ta' Lulju 2017 il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Dak ir-rapport għandu jew:

(a) jikkonferma li jkun xieraq li dan ir-Regolament jiskadi fid-data stabbilita skont l-Artikolu 14(1); jew

(b) jirrakkomanda li dan ir-Regolament jiġi sostitwit minn dik id-data b'Regolament ġdid.

3. Jekk ir-rapport jirrakkomanda li dan ir-Regolament jiġi sostitwit kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2, miegħu għandu jkun hemm ukoll proposta leġiżlattiva adatta.

*Artikolu 14*

**Skadenza**

1. Dan ir-Regolament għandu jiskadi tliet snin wara l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 13.

Il-perijodu ta' tliet snin imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jibda jiddekorri mill-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara l-aħħar l-preżentazzjoni tar-rapport jew lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill, skont liema jiġi wara.

2. Minkejja l-iskadenza ta' dan ir-Regolament fid-data stabbilita skont il-paragrafu 1, in-negozjati kollha li jkunu għaddejjin f'dik id-data li Stat Membru jkun daħal fihom skont dan ir-Regolament għandhom jitħallew jissuktaw u jiġu kkompletati skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2009.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | E. ERLANDSSON |

# REGOLAMENT (KE) Nru 663/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-13 ta' Lulju 2009

## li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku permezz tal-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 156 u l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) L-ekonomija Ewropea qiegħda tiffaċċja tnaqqis qawwi b'riżultat tal-kriżi finanzjarja. Jeħtieġu sforzi straordinarji u immedjati sabiex jikkumbattu din is-sitwazzjoni ekonomika serja u mingħajr preċedent. Biex jerġa' jkun hemm kunfidenza bejn l-atturi tas-suq, jeħtieġ li jkunu ffinalizzati mingħajr dewmien miżuri li jkollhom impatt fuq l-ekonomija.

(2) Fl-istess ħin huwa ċar li l-qawwa u s-sostenibbiltà fit-tul tal-ekonomija Ewropea tiddependi fuq li din tiġi msawwra mill-ġdid sabiex tiffaċċja d-domandi tas-sigurtà tal-enerġija u l-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra. It-tħassib dejjem jiżdied dwar l-iżgurar ta' provvisti affidabbli tal-gass isaħħaħ din il-konklużjoni.

(3) Fid-dawl ta' dan it-tħassib, il-Kunsill Ewropew tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2008 ħaddan fil-konklużjonijiet tiegħu l-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku (Pjan ta' Rkupru), ippreżentat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Novembru 2008, li jistipula kif l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea jistgħu jikkoordinaw il-politika tagħhom u jagħtu stimolu ġdid lill-ekonomija Ewropea, billi jimmiraw dak l-istimolu lejn l-objettivi fit-tul tal-Komunità.

(4) Parti importanti tal-Pjan ta' Rkupru hija l-proposta sabiex tiżdied in-nefqa tal-Komunità f'setturi strateġiċi definiti, sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' fiduċja fost l-investituri u li tgħin fl-iżvilupp tat-triq lejn ekonomija iktar b'saħħitha għall-ġejjieni. Il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta lista ta' proġetti speċifiċi, filwaqt li tqis bilanċ ġeografiku adegwat, sabiex terġa' ssaħħaħ l-investimenti għall-iżvilupp, b'mod partikolari, ta' proġetti ta' infrastruttura.

(5) Biex il-Pjan ta' Rkupru jkun effettiv, huwa kruċjali li jkun hemm finanzjament tal-miżuri li jindirizzaw b'mod rapidu kemm il-kriżi ekonomika kif ukoll il-ħtiġijiet urġenti tal-Komunità fil-qasam tal-enerġija. Madankollu, il-programm speċjali stabbilit b'dan ir-Regolament bl-ebda mod m'għandu jkun ta' preċedent għal rati futuri ta' kofinanzjament fil-qasam tal-investimenti fl-infrastruttura.

(6) Sabiex iħalli impatt tanġibbli u sostanzjali, dawk il-miżuri għandhom ikunu ffukati fuq ftit setturi speċifiċi li fihom l-azzjoni tkun tagħti kontribut ċar lill-objettivi tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra; jeżistu proġetti kbar u maturi li huma kapaċi jagħmlu użu effiċjenti u effettiv ta' ammonti sinifikanti ta' għajnuna finanzjarja u li jikkatalizzaw investimenti sinifikanti minn sorsi oħra, inkluż mill-Bank Ewropew għall-Investiment; u azzjoni fil-livell Ewropew tkun tista' tagħti valur miżjud.Is-setturi tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku, l-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta, u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju jissodisfaw dawk il-kriterji. L-għażla ta' dawk is-setturi jirrifletti ċ-ċirkostanzi partikolari tal-Pjan ta' Rkupru u m'għandha tpoġġi l-ebda dubju fuq il-prijorità għolja marbuta mal-effiċjenza fl-enerġija u l-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, li kienu indirizzati fil-Pjan ta' Rkupru.

(7) F'każ li ma jkunx possibbli li l-fondi kollha jkunu allokati sa tmiem l-2010, il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li, meta tirrapporta fl-2010 dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, tipproponi, jekk ikun il-każ, miżuri li jippermettu l-finanzjament ta' proġetti konsistenti mal-Pjan ta' Rkupru, bħalma huma proġetti fl-oqsma tal-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

(8) Fil-każ tal-infrastrutturi tal-gass u tal-elettriku, ċerti sfidi żviluppaw tul l-aħħar snin. Il-kriżijiet riċenti tal-gass (xtiewi tal-2006 u tal-2009) u ż-żieda fil-prezz taż-żejt sa nofs l-2008 wrew kemm l-Ewropa kienet vulnerabbli. Riżorsi indiġeni tal-enerġija – il-gass u ż-żejt – qegħdin jonqsu b'tali mod li l-Ewropa qiegħda ssir dejjem iktar dipendenti fuq l-importazzjonijiet għall-provvista tal-enerġija tagħha. F'dan il-kuntest, l-infrastruttura tal-enerġija ser ikollha rwol kruċjali.

([1]) L-Opinjoni tat-13 ta' Mejju 2009 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Mejju 2009 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009

(9) Madankollu, il-kriżi ekonomika u finanzjarja ta' bħalissa qiegħda taffettwa l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' infrastruttura fl-enerġija. Xi proġetti importanti, - inklużi proġetti ta' interess Komunitarju, - jistgħu jiffaċċjaw dewmien qawwi fl-implimentazzjoni minħabba l-iskarsità ta' fondi. Għalhekk, huwa xieraq li jkun hemm azzjoni urġenti li tappoġġja l-investiment fl-infrastruttura fil-qasam tal-enerġija. Minħabba l-ħin sinifikanti li huwa meħtieġ għall-ippjanar u t-twettiq ta' dawn il-proġetti huwa importanti li l-Komunità tinvesti f'din l-infrastruttura minnufih sabiex tkun tista', b'mod partikolari, tħaffef l-iżvilupp ta' proġetti ta' importanza partikolari għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fil-Komunità. Dan ikun vitali sabiex tkun żgurata s-sigurtà għall-provista tal-enerġija tal-Komunità bi prezzijiet kompetittivi meta l-ekonomija tirkupra u meta tiżdied id-domanda għall-enerġija globali.

(10) Fost il-proġetti dwar l-infrastruttura tal-enerġija, huwa meħtieġ li jintgħażlu dawk li huma importanti għat-tħaddim tas-suq intern tal-enerġija, għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u li jikkontribwixxu wkoll għall-irkupru tal-ekonomija.

(11) B'mod partikolari fil-każijiet tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju u tal-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta, dan ir-Regolament għandu jibni fuq il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija, ippreżentat mill-Kummissjoni fit-22 ta' Novembru 2007, li appella għal pjan konġunt u strateġiku dwar ir-riċerka fl-enerġija u għall-isforzi fl-innovazzjoni li jkunu konsistenti mal-miri tal-politika tal-UE dwar l-enerġija, u għal impenn lejn l-istabbiliment ta' sitt Inizjattivi Industrijali Ewropej. Il-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Ottubru 2008 fil-konklużjonijiet tiegħu appella lill-Kummissjoni sabiex tħaffef b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Teknoloġija tal-Enerġija Strateġika għall-Ewropa. Il-programm jagħti bidu għall-finanzjament ta' proġetti ta' qbid u ħżin tal-karbonju u ta' enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta mingħajr preġudizzju għall-ħolqien fil-ġejjieni tas-sitt inizjattivi industrijali dwar il-proġetti dimostrattivi fil-qasam tal-enerġija kif imsemmi fil-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija.

(12) Sabiex ikun hemm impatt immedjat fuq il-kriżi ekonomika, huwa essenzjali li dan ir-Regolament jelenka l-proġetti li jistgħu jirċievu għajnuna finanzjarja immedjata, soġġett għall-fatt li din l-għajnuna finanzjarja tkun konformi mal-kriterji li jiżguraw effiċjenza u effettività u mal-limiti stabbiliti mill-pakkett finanzjarju.

(13) Fil-każ ta' proġetti ta' infrastruttura tal-elettriku u tal-gass, għandha tkun stabbilita lista skont il-kontribut tal-proġett lejn l-objettivi tas-sigurtà u tad-diversifikazzjoni tal-provvista kif identifikat fit-Tieni Reviżjoni tal-Istrateġija tal-Enerġija tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2008 u li kienet approvata mill-Parlament Ewropew fir-risoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2009 u mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Frar 2009. Il-proġetti għandhom jintagħżlu abbażi tal-fatt li jimplimentaw il-prijoritajiet identifikati f'dik ir-Reviżjoni, tal-fatt li kisbu livell raġonevoli ta' maturità, u li jikkontribwixxu għal sigurtà u diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija u l-provvisti; ottimizzazzjoni tal-kapaċità tan-netwerk u l-integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija, b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna taqsimiet transkonfinali; żvilupp tan-netwerk biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali billi jitnaqqas l-iżolament ta' reġjuni jew gżejjer li huma l-anqas favoriti fil-Komunità; konnessjoni ta' riżorsi ta' enerġija rinnovabbli; sikurezza, affidibbiltà u interoperabilità tan-netwerks interkonnessi; u solidarjetà fost l-Istati Membri. L-implimentazzjoni ta' dawk il-proġetti ser titlob impenn mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jitħaffu l-proċeduri amministrattivi u l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet. Bosta proġetti ma jkunux jistgħu jirċievu l-appoġġ fil-perijodu ta' żmien stipulat jekk ma sseħħx din l-aċċellerazzjoni.

(14) Fil-każ tal-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta, din il-lista għandu jkun fiha proġetti li jistgħu jiġu kkunsidrati, abbażi tal-informazzjoni miġbura mill-partijiet interessati fil-qafas tal-Pjattaforma Ewropea tat-Teknoloġija tal-Enerġija mir-Riħ, u minn sorsi industrijali u sorsi oħra, bħala approvati u lesti biex jiġu implimentati; li huma innovattivi, filwaqt li jibnu fuq kunċetti stabbiliti sew; li jkunu kapaċi jaċċelleraw il-proċess b'risposta għal stimolu finanzjarju; li jkollhom sinifikat transkonfinali; li jkunu fuq skala kbira; u li jkunu kapaċi juru kif ir-riżultati tal-avvanzi teknoloġiċi ser ikunu mxerrda b'mod effettiv fid-dawl tal-objettivi u l-istrutturi approvati mill-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija. L-għajnuna finanzjarja għandha tkun immirata lejn dawk il-proġetti li jinsabu f'pożizzjoni li jimxu sostanzjalment 'il quddiem bl-iżvilupp tal-proġett fl-2009 u l-2010.

(15) Fil-każ tal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju, il-lista għandha tkun prinċipalment stabbilita abbażi tal-informazzjoni miġbura mill-partijiet interessati fil-qafas tal-Forum dwar il-Karburant Fossili, il-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea għal Impjanti tal-Enerġija mill-Karburant Fossili Mingħajr Emissjonijiet u minn sorsi oħra. L-għajnuna finanzjarja għandha tkun immirata lejn dawk il-proġetti li jinsabu f'pożizzjoni li jimxu sostanzjalment 'il quddiem bl-iżvilupp tal-proġett fl-2009 u l-2010. Il-livell ta' tħejjija għandu jkun stmat abbażi tal-eżistenza ta' kunċett matur u fattibbli għall-installazzjoni industrijali, inkluż il-komponent tiegħu tal-qbid tal-karbonju; l-eżistenza ta' kunċett matur u fattibbli għall-ġarr u l-ħżin tas-$CO_2$; u impenn ċar tal-awtoritajiet lokali sabiex jappoġġjaw il-proġett. Il-proġetti għandhom juru wkoll kif ser jiġu disseminati b'mod effettiv ir-riżultati tal-avvanzi teknoloġiċi u kif ser ikunu aċċellerati l-kisbiet tal-objettivi mniżżla fil-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija.

(16) Ser ikun meħtieġ li jintgħażel proġett minn fost il-proposti eliġibbli. Tali għażla għandha tiżgura, fost l-oħrajn, li ma jkunx hemm iktar minn proposta waħda għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju appoġġjata f'kull Stat Membru, sabiex tkun żgurata l-investigazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' kondizzjonijiet ta' ħżin ġeoloġiku u sabiex ikun appoġġjat l-objettiv li jkun inkoraġġut l-irkupru ekonomiku madwar l-Ewropa.

(17) Il-finanzjament tal-Komunità m'għandux ifixkel bla mistħoqq il-kompetizzjoni jew it-thaddim tas-suq intern, wara li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari r-regoli tal-aċċess għall-partijiet terzi u l-eżenzjonijiet għall-aċċess għall-partijiet terzi. Kwalunkwe fondi oħra nazzjonali flimkien mal-finanzjament tal-Komunità għandhom iqisu r-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Irrispettivament mill-forma tagħha, l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha tingħata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1] (ir-"Regolament Finanzjarju") u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [2], ħlief fejn id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jitbiegħdu b'mod espliċitu minn dawk ir-regoli.

(18) Minħabba l-ħtieġa urġenti li tiġi indirizzata l-kriżi ekonomika u l-ħtiġijiet urġenti tal-enerġija tal-Komunità, dan ir-Regolament diġà fih dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-arranġamenti għal għajnuna finanzjarja, inkluż lista ta' proġetti eliġibbli. Minbarra dan, minħabba l-ħtieġa urġenti għall-istimolu, l-impenji legali kollha li jimplimentaw l-impenji baġitarji li saru fl-2009 u l-2010 għandhom isiru qabel tmiem l-2010.

(19) Meta l-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament ikunu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità għandhom jiġu mħarsa permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività oħra illegali, permezz ta' kontrolli effettivi u permezz tal-irkupru ta' ammonti mħallsa mingħajr jedd u, jekk ikunu identifikati irregolarjitajiet, permezz ta' pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea [3], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra [4] u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) [5].

(20) Meta titqies in-natura tal-kwistjonijiet fis-sub-programmi, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitati differenti fl-għażla tal-proposti miżmuma għall-finanzjament u d-determinazzjoni tal-ammont ta' finanzjament li għandu jingħata taħt kull sub-programm.

(21) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [6].

(22) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi megħjun l-irkupru tal-ekonomija fi ħdan il-Komunità, li jiġu ffaċċjati d-domandi tas-sigurtà tal-enerġija u li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra billi tiżdied in-nefqa f'setturi strateġiċi definiti, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u għalhekk jistgħu, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u n-natura tas-setturi u l-proġetti magħżula, jinkisbu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imniżżel fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif imniżżel f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(23) Minħabba l-ħtieġa urġenti li tkun indirizzata l-kriżi ekonomika u l-ħtiġijiet tal-enerġija urġenti tal-Komunità, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi strument finanzjarju, intitolat il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR), għall-iżvilupp ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija fil-Komunità li jikkontribwixxu, billi jagħtu stimolu finanzjarju, għall-irkupru tal-ekonomija, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi sub-programmi sabiex imexxu 'l quddiem dawk l-objettivi fl-oqsma ta':

(a) l-infrastrutturi tal-gass u tal-elettriku;

(b) l-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta; u

(c) il-qbid u l-ħżin tal-karbonju.

Dan ir-Regolament jidentifika proġetti li għandhom ikunu ffinanzjati taħt kull sub-programm u jistabbilixxi kriterji sabiex ikunu identifikati u implimentati azzjonijiet li jwettqu dawn il-proġetti.

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[2] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.
[3] ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
[4] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
[5] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
[6] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "il-qbid u l-ħżin tal-karbonju" tfisser il-qbid tad-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) minn installazzjonijiet industrijali, il-ġarr tiegħu għal post fejn jinħażen u l-mod kif jiġi injettat f'formazzjoni ġeoloġika taħt l-art adatta għall-finijiet ta' ħżin permanenti;

(b) "spejjeż eliġibbli" għandha l-istess tifsira kif hemm fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002;

(c) "infrastrutturi tal-gass u tal-elettriku" tfisser:

(i) il-linji kollha ta' vultaġġ għoli, minbarra dawk tan-networks ta' distribuzzjoni, u tal-konnessjonijiet ta' taħt il-baħar, kemm-il darba din l-infrastruttura tintuża għal trasmissjoni jew konnessjoni interreġjonali jew internazzjonali;

(ii) pajpijiet tal-gass bi pressjoni għolja, minbarra dawk tan-networks ta' distribuzzjoni;

(iii) faċilitajiet ta' ħżin taħt l-art li huma konnessi mal-pajpijiet tal-gass bi pressjoni għolja imsemmijin fil-punt (ii);

(iv) faċilitajiet li jirċievu, jaħżnu u jiggassifikaw mill-ġdid il-gass naturali likwefatt (LNG); u

(v) kull tagħmir jew installazzjoni meħtieġa biex l-infrastruttura imsemmija fil-punti (i), (ii), (iii) jew (iv) taħdem kif suppost, inklużi s-sistemi ta' protezzjoni, monitoraġġ u kontroll;

(d) "parti minn proġett" tfisser kwalunkwe attività li hija indipendenti finanzjarjament, teknikament jew fuq perijodu ta' żmien u li tikkontribwixxi għat-tlestija tal-proġett;

(e) "fażi ta' investiment" tfisser il-fażi ta' proġett li fiha ssir il-kostruzzjoni u jsiru l-ispejjeż kapitali;

(f) "enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta" tfisser l-enerġija elettrika ġġenerata minn magni turbini li jaħdmu bir-riħ u li jinsabu fil-baħar, sew jekk qrib jew 'il bogħod mix-xtajta;

(g) "fażi ta' ppjanar" tfisser il-fażi ta' proġett li tiġi qabel il-fażi tal-investiment, li fiha jsiru t-tħejjijiet għall-implimentazzjoni tal-proġett, u tinkludi, jekk ikun il-każ, il-valutazzjoni tal-fattibbiltà, studji preparatorji u tekniċi, l-ksib ta' liċenzji u awtorizzazzjonijiet u t-twettiq ta' spejjeż kapitali.

*Artikolu 3*

**Baġit**

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-EEPR għall-2009 u l-2010 għandu jkun ta' EUR 3 980 000 000, allokati kif ġej:

(a) proġetti għall-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku: EUR 2 365 000 000;

(b) proġetti għall-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta: EUR 565 000 000;

(c) proġetti għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju: EUR 1 050 000 000.

2. Inpenji legali individwali li jimplimentaw l-impenji baġitarji li saru fl-2009 u l-2010 għandhom isiru sal-31 ta' Diċembru 2010.

KAPITOLU II

**SUB-PROGRAMMI**

*TAQSIMA 1*

***Proġetti ta' infrastruttura tal-gass u tal-elettriku***

*Artikolu 4*

**Objettivi**

Il-Komunità għandha tippromwovi proġetti għall-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku li għandhom l-ogħla valur miżjud min-naħa tal-Komunità u li jikkontribwixxu għall-objettivi li ġejjin:

(a) sigurtà u diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija, ir-rotot u l-provvisti;

(b) l-ottimizzazzjoni tal-kapaċità tan-netwerk u l-integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija, b'mod partikolari, fir-rigward tal-partijiet transkonfinali;

(c) l-iżvilupp tan-netwerk biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali billi jitnaqqas l-iżolament tar-reġjuni jew gżejjer li huma anqas favoriti fil-Komunità;

(d) il-konnessjoni u integrazzjoni ta' riżorsi ta' enerġija rinnovabbli; u

(e) is-sikurezza, affidabiltà u interoperabiltà tan-netwerks interkonnessi ta' enerġija, inkluża l-ħila li jitużaw flussi multidirezzjonali tal-gass, fejn ikun meħtieġ.

*Artikolu 5*

**Prijoritajiet**

L-EEPR għandu jservi sabiex jadatta u jiżviluppa b'urġenza n-netwerks tal-enerġija ta' importanza partikolari għall-Komunità li jappoġġjaw il-ħidma tas-suq intern tal-enerġija u, b'mod partikolari, sabiex tiżdied il-kapaċità tal-interkonnessjoni, is-sigurtà u d-diversifikazzjoni tal-provvista u sabiex jingħelbu d-diffikultajiet ambjentali, tekniċi u finanzjarji. Jeħtieġ appoġġ speċjali min-naħa tal-Komunità sabiex ikunu żviluppati netwerks ta' enerġija b'mod aktar intensiv u sabiex tkun aċċellerata l-kostruzzjoni tagħhom, speċjalment fejn id-diversità tar-rotot u s-sorsi tal-provvista tkun baxxa.

*Artikolu 6*

**Għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja**

1. L-għajnuna finanzjarja taħt l-EEPR (l-għajnuna EEPR) għall-proġetti ta' infrastruttura tal-gass u tal-elettriku għandha tingħata għal azzjonijiet li jimplimentaw il-proġetti elenkati fil-Parti A tal-Anness jew partijiet minn tali proġetti, u li jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel sejħa għal proposti sabiex tidentifika l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għandha tivvaluta l-konformità ta' dawk il-proposti mal-kriterji ta' eliġibbiltà mniżżla fl-Artikolu 7 u l-kriterji tal-għażla u tal-għotjiet imniżżla fl-Artikolu 8.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-benefiċjarji dwar l-għoti ta' kwalunkwe għajnuna EEPR.

*Artikolu 7*

**Eliġibbiltà**

1. Il-proposti għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna EEPR biss jekk jimplimentaw il-proġetti elenkati fil-Parti A tal-Anness, ma jaqbżux l-ammonti massimi f'għajnuna EEPR stabbiliti fih u jissodisfaw il-kriterji tal-għażla u tal-għoti taħt l-Artikolu 8.

2. Il-proposti jistgħu jitressqu:

(a) minn Stat Membru wieħed jew aktar, li jaġixxu b'mod konġunt;

(b) bi qbil bejn l-Istati Membri kollha li għandhom x'jaqsmu b'mod dirett mal-proġett ikkonċernat:

(i) minn impriża waħda jew iktar, kemm pubbliċi jew privati, jew korpi li jaġixxu b'mod konġunt;

(ii) minn organizzazzjoni internazzjonali waħda jew iktar li jaġixxu b'mod konġunt; jew

(iii) minn impriza konġunta.

3. Il-proposti mressqa minn persuni fiżiċi m'għandhomx ikunu eliġibbli.

*Artikolu 8*

**Kriterji tal-għażla u tal-għoti**

1. Waqt li l-proposti mressqa jkunu qegħdin jiġu vvalutati skont is-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 6(2), il-Kummissjoni għandha tapplika l-kriterji tal-għażla li ġejjin:

(a) is-solidità u l-adegwatezza teknika tal-approċċ;

(b) is-solidità tal-pakkett finanzjarju għall-fażi sħiħa tal-investiment tal-azzjoni.

2. Fil-valutazzjoni tal-proposti riċevuti skont is-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 6(2), il-Kummissjoni għandha tapplika l-kriterji tal-għoti li ġejjin:

(a) il-maturità, definita bħala l-ilħuq tal-istadju ta' investiment, u li tirriżulta f'infiq kapitali sostanzjali sal-aħħar tal-2010;

(b) il-miżura li biha n-nuqqas ta' aċċess għall-finanzi qiegħed idewwem l-implimentazzjoni tal-azzjoni;

(c) il-miżura li biha l-għajnuna EEPR ser tistimola l-finanzi pubbliċi u privati;

(d) l-impatti soċjo-ekonomiċi;

(e) l-impatti ambjentali;

(f) il-kontribut għall-kontinwità u l-interoperabbiltà tan-netwerk tal-enerġija, kif ukoll l-ottimizzazzjoni tal-kapaċità tiegħu;

(g) il-kontribut għat-titjib fil-kwalità tas-servizz, is-sikurezza u s-sigurtà;

(h) il-kontribut għall-ħolqien ta' suq integrat tajjeb tal-enerġija.

*Artikolu 9*

**Kondizzjonijiet għall-finanzjament**

1. L-għajnuna EEPR għandha tikkontribwixxi għal infiq relatat mal-proġett għall-implimentazzjoni tal-proġett, magħmul mill-benefiċjarji jew minn partijiet terzi responsabbli għall-implimentazzjoni ta' proġett.

2. L-għajnuna EEPR m'għandhiex teċċedi l-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

*Artikolu 10*

**Strumenti**

1. Wara s-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 6(2), il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura ta' amministrazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(2), għandha tagħżel il-proposti li ser jibbenefikaw mill-għajnuna EEPR u għandha tiddetermina l-ammont f'għajnuna li għandu jingħatalhom mill-EEPR. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet u l-metodi għall-implimentazzjoni tal-proposti.

2. L-għajnuna EEPR għandha tingħata abbażi ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni.

*Artikolu 11*

**Responsabbiltajiet finanzjarji tal-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-monitoraġġ tekniku u l-kontroll finanzjarju tal-proġetti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u għandhom jiċċertifikaw l-ammont u l-konformità tan-nefqa mġarrba fir-rigward ta' proġetti jew partijiet ta' proġetti ma' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni waqt il-kontrolli fuq il-post.

2. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skont il-paragrafu 1 u, b'mod partikolari, għandhom jagħtu deskrizzjoni tas-sistemi ta' kontroll, ta' ġestjoni u ta' monitoraġġ stabbiliti biex jiżguraw li l-proġetti jitlestew b'suċċess.

*TAQSIMA 2*

***Proġetti ta' enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta***

*Artikolu 12*

**L-għoti ta' għajnuna EEPR**

1. L-għajnuna EEPR għall-proġetti tal-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta għandha tingħata wara li ssir sejħa għal proposti limitata għall-azzjonijiet li jimplimentaw il-proġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel sejħa għal proposti biex jiġu identifikati l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għandha tivvaluta l-konformità ta' dawn il-proposti mal-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 13 u l-kriterji tal-għażla u tal-għoti stabbiliti fl-Artikolu 14.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-benefiċjarji dwar l-għoti ta' kwalunkwe għajnuna EEPR.

*Artikolu 13*

**Eliġibbiltà**

1. Il-proposti għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna EEPR biss f'każ li dawn jimplimentaw il-proġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness, ma jaqbżux l-ammont massimu f'għajnuna EEPR hemm stabbiliti u jissodisfaw il-kriterji tal-għażla u tal-għoti taħt l-Artikolu 14. Dawk il-proġetti għandhom jitmexxew minn impriża kummerċjali.

2. Il-proposti jistgħu jitressqu minn impriża waħda jew iktar, li jaġixxu b'mod konġunt.

3. Il-proposti mressqa minn persuni fiżiċi m'għandhomx ikunu eliġibbli.

*Artikolu 14*

**Kriterji tal-għażla u tal-għoti**

1. Waqt li l-proposti mressqa jkunu qegħdin jiġu vvalutati skont is-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 12(1), il-Kummissjoni għandha tapplika l-kriterji tal-għażla li ġejjin:

(a) is-solidità u l-adegwatezza teknika tal-approċċ;

(b) is-solidità tal-pakkett finanzjarju għall-fażi sħiħa tal-investiment tal-proġett.

2. Fil-valutazzjoni tal-proposti riċevuti skont is-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 12(1), il-Kummissjoni għandha tapplika l-kriterji tal-għoti li ġejjin:

(a) il-maturità, definita bħala l-ilħuq tal-istadju ta' investiment, u li tirriżulta f'infiq kapitali sostanzjali sa tmiem l-2010;

(b) il-miżura ta' kemm in-nuqqas ta' aċċess għall-finanzi qiegħed idewwem l-implimentazzjoni tal-azzjoni;

(c) il-miżura li biha l-proġett itejjeb jew iżid l-iskala ta' installazzjonijiet u infrastrutturi li diġà bdew jinbnew, jew li jinsabu fil-fażi ta' ppjanar;

(d) il-miżura il biha l-proġett jinkludi l-bini ta' installazzjonijiet u infrastrutturi ta' daqs sħiħ u ta' skala industrijali, u jindirizza, b'mod partikolari, il-kwistjonijiet li ġejjin:

  (i) l-ibbilanċjar tal-varjabbiltà tal-elettriku ġġenerat mill-enerġija tar-riħ permezz ta' sistemi integrattivi;

  (ii) l-eżistenza ta' sistemi ta' ħżin fuq skala kbira;

  (iii) il-ġestjoni ta' impjanti tal-enerġija mir-riħ bħala impjanti virtwali li jipproduċu l-enerġija (iktar minn 1 GW);

  (iv) l-eżistenza ta' turbini li jinsabu aktar lil hinn mix-xtajta jew f' ilmijiet iktar fondi (minn 20 sa 50 m) milli hu standard bħalissa;

(v) disinji ġodda tas-sub-strutturi; jew

(vi) proċessi ta' mmuntar, installazzjoni, tħaddim u żarmar u ttestjar ta' dawn il-proċessi fi proġetti ta' daqs reali;

(e) il-fatturi innovattivi tal-proġett u l-miżura li biha tintwera l-implimentazzjoni ta' dawn il-fatturi;

(f) l-impatt tal-proġett u l-kontribut tiegħu lis-sistema Komunitarja ta' distribuzzjoni tal-enerġija ġġenerata mir-riħ 'il barra mix-xtajta, inkluż il-potenzjal ta' replikazzjoni tiegħu;

(g) l-impenn muri mill-benefiċjarji li jqassmu r-riżultati tal-avvanzi teknoloġiċi li jkunu saru mill-proġett lil operaturi oħrajn Ewropej b'mod kompatibbli mal-liġi Komunitarja u b'mod partikolari mal-objettivi u l-istrutturi mniżżla fil-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija.

*Artikolu 15*

**Kondizzjonijiet għall-finanzjament**

1. L-għajnuna EEPR għandha tikkontribwixxi għal infiq relatat mal-proġett għall-implimentazzjoni tal-proġett.

2. L-għajnuna EEPR m'għandhiex teċċedi l-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

*Artikolu 16*

**Strumenti**

1. Wara s-sejħa għal proposti msemmija fl- Artikolu 12(1), il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura ta' amministrazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(2), għandha tagħżel il-proposti li jibbenefikaw mill-għajnuna EEPR u għandha tiddetermina l-ammont f'għajnuna li għandu jingħatalhom. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet u l-metodi għall-implimentazzjoni tal-proposti.

2. L-għajnuna EEPR għandha tingħata abbażi ta' ftehimiet ta' għoti.

*TAQSIMA 3*

***Proġetti ta' qbid u ħżin tal-karbonju***

*Artikolu 17*

**L-għoti ta' għajnuna EEPR**

1. L-għajnuna EEPR għall-proġetti ta' qbid u ħżin tal-karbonju għandha tingħata lill-azzjonijiet li jimplimentaw il-proġetti elenkati fil-Parti C tal-Anness.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel sejħa għal proposti biex jiġu identifikati l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandha tivvaluta l-konformità tal-proposti mal-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 18 u l-kriterji tal-għażla u tal-għoti stabbiliti fl-Artikolu 19.

3. F'każ li diversi proposti li joħroġu minn proġetti mwettqa fl-istess Stat Membru huma konformi mal-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 18 u l-kriterji tal-għażla stabbiliti fl-Artikolu 19(1), il-Kummissjoni għandha tagħżel għall-għajnuna EEPR, abbażi tal-kriterji tal-għoti fl-Artikolu 19(2), mhux iktar minn proposta waħda għal kull Stat Membru fost dawk il-proposti.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-benefiċjarji dwar l-għoti ta' kwalunkwe għajnuna EEPR.

*Artikolu 18*

**Eliġibbiltà**

1. Il-proposti għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna EEPR biss jekk dawn jimplimentaw il-proġetti elenkati fil-Parti C tal-Anness u jissodisfaw il-kriterji tal-għażla u tal-għoti taħt l-Artikolu 19 u l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-proġetti juru li huma għandhom il-ħila li jaqbdu tal-anqas 80 % tas-$CO_2$ f'installazzjonijiet industrijali u li jittrasportaw u li jaħżnu b'mod ġeoloġiku dan is-$CO_2$ b'mod sikur taħt l-art;

(b) f'installazzjonijiet tal-enerġija, il-qbid tas-$CO_2$ jintwera f'installazzjoni b'kapaċità elettrika ta' mill-anqas 250 MW jew l-ekwivalenti;

(c) il-promoturi tal-proġett jagħmlu dikjarazzjoni li torbot li tgħid li l-għarfien ġeneriku li joħroġ mill-impjant virtwali jsir disponibbli għas-settur industrijali iktar wiesa' u għall-Kummissjoni sabiex jikkontribwixxi għall-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija.

2. Il-proposti jistgħu jitressqu minn impriża waħda jew iktar, li jaġixxu b'mod konġunt.

3. Il-proposti mressqa minn persuni fiżiċi m'għandhomx ikunu eliġibbli.

*Artikolu 19*

**Kriterji tal-għażla u tal-għoti**

1. Waqt li l-proposti mressqa jkunu qegħdin jiġu vvalutati skont is-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 17(2), il-Kummissjoni għandha tapplika l-kriterji tal-għażla li ġejjin:

(a) is-solidità u l-adegwatezza teknika tal-approċċ;

(b) il-maturità, definita bħala l-ilħuq tal-istadju ta' investiment, li jinkludi l-esplorazzjoni u l-iżvilupp ta' għażliet ta' ħżin, u li tirriżulta f'infiq sostanzjali relatat mal-investiment għall-proġett sa tmiem l-2010;

(c) is-solidità tal-pakkett finanzjarju għall-fażi sħiħa tal-investiment tal-proġett;

(d) l-identifikazzjoni tal-permessi kollha neċessarji għall-ħolqien u l-tħaddim tal-proġett fis-sit(i) propost(i) u l-eżistenza ta' strateġija li tassigura dawk il-permessi.

2. Fil-valutazzjoni tal-proposti riċevuti skont is-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 17(2), il-Kummissjoni għandha tapplika l-kriterji tal-għoti li ġejjin:

(a) il-miżura li biha n-nuqqas ta' aċċess għall-finanzi idewwem l-implimentazzjoni tal-azzjoni;

(b) il-finanzjament mitlub għal kull tunnellata ta' $CO_2$ li għandu jkun imnaqqas fl-ewwel ħames snin tal-proġett;

(c) il-kumplessità tal-proġett u l-livell ta' innovazzjoni tal-installazzjoni ġenerali li tinkludi attivitajiet ta' riċerka oħra li huma relatati u l-impenn li jintwera mill-benefiċjarji sabiex iqassmu r-riżultati tal-avvanzi teknoloġiċi li jkunu saru mill-proġett lil operaturi Ewropej oħra b'mod kompatibbli mal-liġi tal-Komunità u b'mod partikolari mal-miri u l-istrutturi mniżżla fil-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija;

(d) is-solidità u l-adegwatezza tal-pjan ta' ġestjoni li jinkludi, fir-rigward tal-informazzjoni u d-data xjentifika, tal-informazzjoni u d-data tal-inġinerija, u tal-informazzjoni u d-data teknika, turija li l-kunċett propost ikun lest biex jinkiseb it-tħaddim tal-proġett sal-31 ta' Diċembru 2015.

*Artikolu 20*

**Kondizzjonijiet għall-finanzjament**

1. L-għajnuna EEPR għandha tikkontribwixxi biss għal dak l-infiq relatat ma' proġett għall-implimentazzjoni tal-proġett li jkun attribwibbli għall-qbid, it-trasport u l-ħżin tal-karbonju, waqt li tqis il-benefiċċji tat-tħaddim possibbli.

2. L-għajnuna EEPR m'għandhiex taqbeż it-80 % tal-ispejjeż totali eliġibbli għall-investiment.

*Artikolu 21*

**Strumenti**

1. Wara s-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 17(2), il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura ta' amministrazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(2), għandha tagħżel il-proposti li ser jibbenefikaw mill-għajnuna EEPR u għandha tiddetermina l-ammont f'għajnuna EEPR li għandu jingħatalhom. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet u l-metodi għall-implimentazzjoni tagħhom.

2. L-għajnuna EEPR għandha tingħata abbażi ta' ftehimiet ta' għoti.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI**

*Artikolu 22*

**Għajnuna u strumenti EEPR oħra**

1. Parti mill-għajnuna Komunitarja għall-proġetti elenkati fl-Anness tista' tkun mogħtija permezz ta' kontribut għal strument xieraq taħt ir-riżorsi tal-Bank Ewropew għall-Investiment. Il-kontribut m'għandux jaqbeż l-EUR 500 000 000.

2. L-espożizzjoni tal-Komunità għall-istrument ta' garanzija għas-self jew strument finanzjarju ieħor, inklużi ħlasijiet ta' ġestjoni u spejjeż eliġibbli oħra, għandha tiġi limitata għall-ammont tal-kontribut Komunitarju għal dak l-istrument u m'għandu jkun hemm l-ebda responsabbiltà ulterjuri fuq il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-Kummissjoni, waqt li taġixxi skont il-proċedura ta' amministrazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(2), għandha tiddeċiedi dwar l-ammont ta' għajnuna EEPR li għandha tingħata lil dak l-istrument. Il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew għall-Investiment għandhom jikkonkludu memorandum ta' fehim li jispeċifika l-kondizzjonijiet u l-metodi għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

*Artikolu 23*

**Arranġamenti ta' programmazzjoni u implimentazzjoni**

1. Is-sejħiet għal proposti għandhom ikunu mnedija direttament mill-Kummissjoni abbażi tad-disponibbiltajiet baġitarji msemmijin fl-Artikolu 3(1) u tal-kriterji ta' eliġibbiltà, għażla u għoti stabbiliti fil-Kapitolu II.

2. L-għajnuna EEPR għandha tkopri biss infiq relatat ma' proġetti li sar mill-benefiċjarji u, f'dawk li huma proġetti taħt l-Artikolu 9, ukoll minn partijiet terzi responsabbli għall-implimentazzjoni ta' proġett. In-nefqa tista' tkun eliġibbli mid-data msemmija fl-Artikolu 29.

3. Il-VAT m'għandiex tkun spiża eliġibbli, ħlief il-VAT mhux rimborsabbli.

4. Proġetti u azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġi Komunitarja u għandhom iqisu l-politika Komunitarja rilevanti, b'mod partikolari dawk dwar il-kompetizzjoni inkluż ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-istat, il-ħarsien tal-ambjent, is-saħħa, l-iżvilupp sostenibbli u l-akkwist pubbliku.

*Artikolu 24*

**Responsabbiltajiet ġenerali tal-Istati Membri**

Fl-ambitu tar-responsabbiltà tagħhom, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isforzi kollha sabiex jimplimentaw il-proġetti li jirċievu l-għajnuna EEPR, partikolarment permezz ta' proċeduri effiċjenti ta' amministrazzjoni u ta' awtorizzazzjoni, ta' ħruġ ta' liċenzji u ta' ċertifikazzjoni.

*Artikolu 25*

**Ħarsien tal-interessi finanzjari tal-Komunitajiet Ewropej**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta jkunu implimentati azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, b'kontrolli effettivi u bl-irkupru tal-ammonti li jkunu tħallsu mingħajr jedd u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, b'pieni li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

2. Għall-azzjonijiet Komunitarji ffinanzjati minn dan ir-Regolament, il-kunċett ta' irregolarità msemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja jew kwalunkwe nuqqas fil-qadi ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur eknomiku li għandhom jew ikollhom l-effett li jippreġudikaw il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew il-baġits amministrati minnha, permezz ta' element ta' spiża mingħajr ġustifikazzjoni.

3. Il-miżuri kollha ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, għandhom jipprevedu, b'mod partikolari, is-sorveljanza u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni jew kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha u l-verifiki mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, inkluż, jekk ikunu meħtieġa, verifiki fuq il-post.

KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET IMPLIMENTATTIVI U FINALI**

*Artikolu 26*

**Kumitati**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-kumitati li ġejjin:

(a) għall-proġetti ta' infrastruttura tal-gass u tal-elettriku, il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-networks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija ([1]);

(b) għall-proġetti tal-enerġija ġġenerata mir-riħ 'il barra mix-xtajta, il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad- 19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku Kooperazzjoni li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) ([2]);

(c) għall-proġetti dwar il-qbid u l-ħżin tal-karbonju, il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 2006/971/KE.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

*Artikolu 27*

**Evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-EEPR sal-31 ta' Diċembru 2011 sabiex tevalwa l-kontribut tagħha għall-użu effettiv li jkun sar mill-approprjazzjonijiet.

2. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru benefiċjarju biex jipprovdi evalwazzjoni speċifika tal-proġetti ffinanzjati taħt it-Taqsima I tal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament jew, fejn xieraq, li jagħtiha l-informazzjoni u l-assistenza meħtieġa biex twettaq evalwazzjoni ta' dawn il-proġetti.

3. Il-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-riżultati miksuba mill-EEPR.

*Artikolu 28*

**Informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill**

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull sena, meta tippreżenta l-abbozz preliminari tal-baġit, hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-EEPR.

([1]) ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86.

Jekk ir-rapport jidentifika riskji serji fl-implimentazzjoni tal-proġetti ta' prijorità, il-Kummissjoni għandha tirrakkomanda miżuri sabiex jibbilanċjaw dawn ir-riskji u għandha, jekk ikun il-każ u jekk ikun konsistenti mal-Pjan ta' Rkupru, tagħmel proposti addizjonali għal dawn il-proġetti.

*Artikolu 29*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-*jum* wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | E. ERLANDSSON |

*ANNESS*

**PROĠETTI ELIĠIBBLI**

A. **Proġetti ta' infrastruttura tal-gass u tal-elettriku**

1. *Interkonnetturi tal-gass*

| Proġett | Post tal-proġetti appoġġati | Kontribuzzjoni Komunitarja ppjanata (EUR miljuni) |
|---|---|---|
| Kuritur tan-Nofsinhar tal-Gass | | |
| NABUCCO | l-Awstrija, l-Ungerija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, ir-Rumanija | 200 |
| ITGI – Poseidon | l-Italja, il-Greċja | 100 |
| Interkonnessjoni Baltika | | |
| Pajp Skanled/Baltiku | Il-Polonja, id-Danimarka, l-Iżvezja | 150 |
| Netwerk *LNG* | | |
| Terminal tal-Gass Naturali Likwefatt fuq ix-xtajta Pollakka fil-port ta' Świnoujście | il-Polonja | 80 |
| Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk | | |
| Interkonnettur Slovakkja-Ungerija (Veľký Krtíš – Vecsés) | is-Slovakkja, l-Ungerija | 30 |
| Sistema tat-trażmissjoni tal-gass fis-Slovenja bejn il-fruntiera Awstrijaka u Ljubljana (*eskluża l-medda* Rogatec-Kidričevo) | is-Slovenja | 40 |
| Interkonnessjoni Bulgarija-Greċja (Stara Zagora - Dimitrovgrad-Komotini) | il-Bulgarija, il-Greċja | 45 |
| Interkonnettur tal-gass Rumanija-Ungerija | ir-Rumanija, l-Ungerija | 30 |
| Espansjoni tal-Kapaċità tal-Ħżin tal-Gass fiċ-ċentru Ċek | ir-Repubblika Ċeka | 35 |
| Infrastruttura u tagħmir biex jippermetti l-fluss tal-gass fid-direzzjoni opposta f'każ ta' taqlib fil-provvista fit-terminu qasir ta' żmien | l-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja | 80 |
| Interkonnessjoni Slovakkja - Polonja | is-Slovakkja, il-Polonja | 20 |
| Interkonnessjoni Ungerija - Kroazja | l-Ungerija | 20 |
| Interkonnessjoni Bulgarija - Rumanija | il-Bulgarija, ir-Rumanija | 10 |
| Il-Mediterran | | |
| Tisħiħ tan-netwerk tal-gass FR fuq l-assi Afrika- Spanja-Franza | Franza | 200 |
| GALSI (Gazoduc Algérie-Italie) | l-Italja | 120 |
| Interkonnessjoni tal-Gass Western Axis Larrau Branch | Spanja | 45 |
| Żona tal-Baħar tat-Tramuntana | | |
| Pajp Ġermanja-Belġju-Renju Unit | Il-Belġju | 35 |
| Il-konnessjoni Franza-Belġju | Franza, il-Belġju | 200 |
| TOTAL | | 1 440 |

2. *Interkonnetturi tal-elettriku*

| Proġett | Post tal-proġetti appoġġati | Kontribuzzjoni Komunitarja ppjanata (EUR miljuni) |
|---|---|---|
| Interkonnessjoni Baltika | | |
| Estlink-2 | l-Estonja, il-Finlandja | 100 |
| Interkonnessjoni Svezja-Stati Baltiċi, u t-tisħiħ tas-sistema tad-distribuzzjoni fl-Istati Baltiċi | L-Iżvezja, il-Latvja, il-Litwanja | 175 |
| Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk | | |
| Halle/Saale – Schweinfurt | Il-Ġermanja | 100 |
| Wien-Győr | l-Awstrija, l-Ungerija | 20 |
| Mediterran | | |
| It-tisħiħ tal-interkonnessjoni Portugall-Spanja | Il-Portugall | 50 |
| Interkonnessjoni Franza-Spanja (Baixas - Sta Llogaia) | Franza, Spanja | 225 |
| Kejbil sottomarin 380 kV AC ġdid bejn Sqallija u l-Italja kontinentali (Sorgente - Rizziconi) | l-Italja | 110 |
| Żona tal-Baħar tat-Tramuntana | | |
| Interkonnettur (Meath-Deeside) ta' 500 MV Irlanda-Wales | l-Irlanda, ir-Renju Unit | 110 |
| Interkonnettur tal-elettriku Malta-Italja | Malta/l-Italja | 20 |
| TOTAL | | 910 |

3. *Proġetti għall-gżejjer iż-żgħar*

| | | |
|---|---|---|
| Inizjattivi għal gżejjer żgħar iżolati | Ċipru | 10 |
| | Malta | 5 |
| TOTAL | | 15 |

B. **Proġetti ta' enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta**

| Proġett | Kapaċità | Post tal-proġetti appoġġati | Kontribuzzjoni Komunitarja ppjanata (EUR miljuni) |
|---|---|---|---|
| 1. Integrazzjoni tal-grilja tal-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta | | | |
| 1.1. Baltiku - Kriegers Flak I, II, III<br><br>Bini fuq proġetti li qed jiġu żviluppati. Finanzjament immirat biex tiġi ggarantita l-ispiża żejda biex tiżgura soluzzjoni konġunta ta' interkonnessjoni. | 1,5 GW | Id-Danimarka, l-Iżvezja, il-Ġermanja, il-Polonja | 150 |
| 1.2. Żona tal-Baħar tat-Tramuntana<br><br>Żvilupp modulari taż-żona 'il barra mix-xtajta, il-wiri ta' impjant virtwali tal-enerġija 'il barra mix-xtajta u l-integrazzjoni fis-sistem tal-grilja fuq l-art. | 1 GW | Ir-Renju Unit, Olanda, il-Ġermanja, l-Irlanda, id-Danimarka, il-Belġju, Franza, il-Lussemburgu | 165 |

| Proġett | Kapaċità | Post tal-proġetti appoġġati | Kontribuzzjoni Komunitarja ppjanata (EUR miljuni) |
|---|---|---|---|
| 2. Turbini ġodda, strutturi u komponenti, ottimizzazzjoni tal-kapaċijiet tal-produzzjoni | | | |
| 2.1. Borkum West II- Bard 1 - Nordsee Ost - Global Tech I<br><br>Ġenerazzjoni ġdida ta' turbini ta' daqs multi-megawatt (5-7 MW) u strutturi innovattivi, li jinstabu 'il bogħod mix-xtut (sa 100 km) fl-ilmijiet fondi (sa 40 m) | 1,6 GW | Il-Ġermanja | 200 |
| 2.2. Farm tal-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta ta' Aberdeen (Ċentru Ewropew tal-ittestjar)<br><br>Bini fuq proġett li bħalissa qed jiġi żviluppat - Ittestjar ta' turbini multi-MW. Żvilupp ta' strutturi innovattivi u sottostrutturi inkluż l-ottimizzazzjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tat-tagħmir tal-produzzjoni tal-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtajta. Żieda fil-qies ta' 100 MW tista' tiġi ppjanata. | 0,25 GW | Ir-Renju Unit | 40 |
| 2.3. Thornton Bank<br><br>Bini fuq proġett li bħalissa qed jiġi żviluppat. Tagħlim mill-proġett Downvind (ikkofinanzjat permezz tal-FP6). Tkabbir tal-installazzjonijiet tat-turbini Downvind (qies ta' 5 MW) fl-ilmijiet fondi (sa 30 m) b'impatt viżiv baxx (sa 30 km). | 90 MW | Il-Belġju | 10 |
| TOTAL | | | 565 |

C. **Proġetti ta' qbid u ħżin tal-karbonju**

| Isem il-proġett/Post | | Kontribuzzjoni Komunitarja ppjanata (EUR miljuni) | Karburant | Kapaċità | Teknika tal-qbid | Kunċett tal-ħżin |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Huerth | Ġermanja | 180 | Faħam | 450 MW | IGCC | Saffi ta' blat b'ilma mielaħ |
| Jaenschwalde | | | Faħam | 500 MW | Ossikarburanti | Meded taż-żejt/gass |
| Eemshaven | Olanda | 180 | Faħam | 1 200 MW | IGCC | Meded taż-żejt/gass |
| Rotterdam | | | Faħam | 1 080 MW | PC | Meded taż-żejt/gass |
| Rotterdam | | | Faħam | 800 MW | PC | Meded taż-żejt/gass |
| Belchatów | Polonja | 180 | Faħam | 858 MW | PC | Saffi ta' blat b'ilma mielaħ |
| Compostella | Spanja | 180 | Faħam | 500 MW | Ossikarburanti | Saffi ta' blat b'ilma mielaħ |
| Kingsnorth | Renju Unit | 180 | Faħam | 800 MW | PC | Meded taż-żejt/gass |
| Longannet | | | Faħam | 3 390 MW | PC | Saffi ta' blat b'ilma mielaħ |
| Tilbury | | | Faħam | 1 600 MW | PC | Meded taż-żejt/gass |
| Hatfield (Yorkshire) | | | Faħam | 900 MW | IGCC | Meded taż-żejt/gass |

| Isem il-proġett/Post | | Kontribuzzjoni Komunitarja ppjanata (EUR miljuni) | Karburant | Kapaċità | Teknika tal-qbid | Kunċett tal-ħżin |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Porto Tolle | Italja | 100 | Faħam | 660 MW | PC | |
| Proġett ta' qbid tal-karbonju industrijali | | | | | | |
| Florange | Franza | 50 | Trasport ta' $CO_2$ mill-impjant industrijali (impjant tal-azzar) għal faċilitajiet ta' ħżin taħt l-art (ilma ta' ġol-blat mielaħ) | | | |
| | TOTAL | 1 050 | | | | |

**DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

Il-Kummissjoni tissottolinja li l-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli huma prijoritajiet ewlenin tal-politika tal-enerġija tal-UE, kemm għal raġunijiet ambjentali kif ukoll għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista. F'dan ir-rigward, ir-Regolament ser jikkontribwixxi għal dawn il-prijoritajiet billi jagħti appoġġ sostanzjali għal proġetti ta' enerġija ġġenerata mir-riħ lil hinn mill-kosta.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tfakkar id-diversi inizjattivi ġodda l-oħra li jappoġġaw l-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, issuġġeriti mill-Kummissjoni partikolarment fil-Pjan ta' Rkupru Ewropew tagħha, li kien endorsjat mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2008. Dawn jinkludu:

Modifika tar-Regolament tal-FEŻR sabiex ikunu permessi sa EUR 8 biljun f'investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija u fl-enerġiji rinnovabbli fis-settur tad-djar fl-Istati Membri kollha.

Sħubija pubblika-privata dwar l-inizjattiva "Bini Ewropej b'effiċjenza fl-enerġija" sabiex ikunu promossi teknoloġiji favur l-ambjent u l-iżvilupp ta' sistemi u materjali b'effiċjenza fl-enerġija f'bini ġodda jew restawrati. Għal din l-azzjoni huma stmati EUR 1 biljun: EUR 500 miljun mill-baġit EC FP7 matul is-snin mill-2010 sal-2013 u EUR 500 miljun mill-industrija.

L-inizjattiva KE-BEI "Inizjattiva tal-UE għall-Finanzjament ta' Enerġija Sostenibbli". Hija mmirata sabiex tippermetti investimenti għal proġetti ta' effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli f'ambjenti urbani. Il-Kummissjoni tiffinanzja faċilità għall-assistenza teknika mill-programm Ewropew tal-Enerġija Intelliġenti (allokazzjoni annwali ta' 15-il miljun EUR għall-2009). Din il-faċilità, amministrata mill-BEI, ser tiffaċilita l-aċċess għal self tal-BEI b'effetti ta' lieva sostanzjali.

Il-ħolqien minn investituri istituzzjonali tal-UE - immexxija mill-BEI - ta' fond ta' ishma orjentat lejn is-suq, imsejjaħ Marguerite: il-Fond Ewropew tal-2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura. Dan il-Fond jinvesti fl-oqsma tal-enerġija u tat-tibdil fil-klima (TEN-E, il-produzzjoni ta' enerġija sostenibbli, l-enerġija rinnovabbli, it-teknoloġiji l-ġodda, l-investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija, is-sigurtà tal-provvista, kif ukoll infrastruttura ambjentali). Il-Kummissjoni tappoġġa dan l-approċċ.

Barra dan, qabel it-tmiem ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni ser tippreżenta r-reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija kif mitluba mill-Kunsill (Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2009) u mill-Parlament (Riżoluzzjoni tal-PE P6_TA(2009)0064).

Hemm qbil fost l-esperti li l-effiċjenza fl-enerġija hija l-aktar għażla rħisa disponibbli sabiex jitnaqqsu l-emmissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra. Sa Novembru 2009, il-Kummissjoni ser tipprovdi analiżi dettaljata tal-ostakli għal żieda fl-investimenti tal-effiċjenza fl-enerġija. B'mod partikolari hija ser teżamina jekk hemmx ħtieġa għal inċentivi finanazjarji aktar fil-forma ta' self b'interessi baxxi u/jew għotjiet, kif jista' jintuża l-baġit Ewropew għal dan il-għan, u, jekk addatt, il-Kummissjoni ser tinkludi, fost l-oħrajn, fondi addizzjonali għal finanzjament tal-effiċjenza fl-enerġija fl-istrument il-ġdid tas-Sigurtà u l-Infrastruttura tal-Enerġija tal-UE, li ser ikun ippreżentat fl-2010.

Matul l-eżami tal-pjan ta' azzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija, il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni partikolari lid-dimensjoni tal-viċinat tal-effiċjenza fl-enerġija. Ser tanalizza kif tista' tagħti inċentivi finanzjarji u regolatorji lil pajjiżi tal-viċinat sabiex iħaffu l-investimenti tagħhom fl-effiċjenza fl-enerġija.

Jekk il-Kummissjoni, meta fl-2010 tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament konformement mal-Artikolu 28 tiegħu, tiskopri li ma jkunx possibbli li sa tmiem l-2010 tiġi allokata parti mill-fondi previsti għall-proġetti elenkati fl-anness għar-Regolament, il-Kummissjoni ser tipproponi, jekk ikun adatt u b'mod ġeografikament bilanċjat, emenda għar-Regolament li tippermetti l-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, b'żieda mal-inizjattivi msemmija hawn fuq, inkluż kriterji ta' eliġibbiltà simili għal dawk applikabbli għall-proġetti elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

**Dikjarazzjoni mill-Portugall**

Il-Portugall qed jivvota favur, għalkemm fil-fehma tiegħu, f'reviżjoni tal-programm taħt l-Artikolu 28, għandha tiġi kkunsidrata l-inklużjoni ta' proġetti dwar l-enerġija li tiġġedded u dwar l-effiċjenza fl-enerġija, b'mod partikolari fil-qasam tal-mikroġenerazzjoni u tan-netwerks u l-arloġġi intelliġenti, li jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tal-Artikolu 4(a) u (b) tar-Regolament.

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 664/2009

## tas-7 ta' Lulju 2009

## li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet f'materji matrimonjali, materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri u materji marbuta mal-obbligi ta' manteniment, u l-liġi applikabbli f'materji marbuta mal-obbligi ta' manteniment

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 61(c), 65, 67(2) u 67(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) It-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat jipprevedi l-bażi legali għall-adozzjoni ta' leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili.

(2) Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi kienet tradizzjonalment irregolata minn ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. Dawn il-ftehimiet, li minnhom hemm numru kbir, spiss jirriflettu rabtiet speċjali bejn Stat Membru u pajjiż terz u huma intenzjonati biex jipprovdu qafas legali adegwat biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet speċifiċi tal-partijiet ikkonċernati.

(3) L-Artikolu 307 tat-Trattat jeħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha xierqa biex tiġi eliminata kwalunkwe inkompatibbiltà bejn l-acquis tal-Komunità u l-ftehimiet internazzjonali konklużi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. Dan jista' jinvolvi l-ħtieġa għan-negozjar mill-ġdid ta' dawn il-ftehimiet.

(4) Sabiex ikun ipprovdut qafas legali adegwat biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet speċifiċi ta' Stat Membru partikolari fir-relazzjonijiet tiegħu ma' pajjiż terz, jista' jkun hemm ukoll ħtieġa ċara għall-konklużjoni ta' ftehimiet ġodda ma' pajjiżi terzi relatati mal-oqsma tal-ġustizzja ċivili li jaqgħu fl-ambitu tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat.

(5) Fl-Opinjoni 1/03 tagħha tas-7 ta' Frar 2006 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni l-ġdida ta' Lugano, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ikkonfermat li l-Komunità akkwistat kompetenza esklussiva biex tikkonkludi ftehim internazzjonali bħall-Konvenzjoni ta' Lugano ma' pajjiżi terzi dwar materji li jaffettwaw ir-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ([2]) ("Brussell I").

(6) Hija l-Komunità li għandha tikkonkludi, skont l-Artikolu 300 tat-Trattat, ftehimiet bejn il-Komunità u pajjiż terz dwar materji li jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

(7) L-Artikolu 10 tat-Trattat jobbliga lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-ksib tal-kompiti tal-Komunità u biex jastjenu minn kwalunkwe miżura li tista' tipperikola r-realizzazzjoni tal-għanijiet tat-Trattat. Dan id-dmir ta' kooperazzjoni leali huwa ta' applikazzjoni ġenerali u ma jiddependix fuq jekk il-kompetenza tal-Komunità hijiex esklussiva jew le.

(8) Fir-rigward tal-ftehimiet ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' ġustizzja ċivili li jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità, għandha tiġi stabbilita proċedura koerenti u trasparenti li tawtorizza Stat Membru li jemenda ftehim eżistenti jew li jinnegozja u jikkonkludi ftehim ġdid, b'mod partikolari meta l-Komunità nnifisha ma tkunx indikat l-intenzjoni tagħha li teżerċita l-kompetenza esterna tagħha biex tikkonkludi ftehim permezz ta' mandat għan-negozjar diġà eżistenti jew mandat għan-negozjar previst. Din il-proċedura għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza esklussiva tal-Komunità u għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 300 u 307 tat-Trattat. Din għandha titqies bħala miżura eċċezzjonali u għandha tkun limitata fil-kamp ta' applikazzjoni u fiż-żmien.

(9) Dan ir-Regolament m'għandux japplika jekk il-Komunità tkun diġà kkonkludiet ftehim mal-pajjiż terz ikkonċernat dwar l-istess suġġett. Żewġ ftehimiet għandhom jitqiesu li jikkonċernaw l-istess suġġett biss jekk, u sakemm, ikunu jirregolaw fis-sustanza l-istess kwistjonijiet legali speċifiċi. Dispożizzjonijiet li jiddikjaraw sempliċiment intenzjoni ġenerali li ssir kooperazzjoni f'kwistjonijiet bħal dawn m'għandhomx jitqiesu li jikkonċernaw l-istess suġġett.

(10) Ċerti ftehimiet reġjonali msemmija fl-atti legali Komunitarji eżistenti għandhom ikunu koperti wkoll minn dan ir-Regolament.

([1]) L-Opinjoni tas-7 ta' Mejju 2009 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

(11) Sabiex jiġi żgurat li ftehim previst minn Stat Membru ma jirrendix il-liġi Komunitarja ineffettiva, ma jikkompromettix il-funzjonament tajjeb tas-sistema stabbilita minn dik il-liġi jew ma jikkompromettix il-politika Komunitarja dwar ir-relazzjonijiet esterni kif deċiża mill-Komunità, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun meħtieġ jinnotifika lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tiegħu bil-ħsieb li tinkiseb awtorizzazzjoni biex jinfetħu jew jitkomplew in-negozjati formali dwar ftehim kif ukoll biex jiġi konkluż ftehim. Tali notifika għandha tingħata b'ittra jew b'mezzi elettroniċi. Din għandu jkun fiha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti li tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt mistenni fuq il-liġi Komunitarja tal-eżitu tan-negozjati.

(12) Għandu jkun evalwat jekk hemmx biżżejjed interess Komunitarju fil-konklużjoni ta' ftehim bilaterali bejn il-Komunità u l-pajjiż terz ikkonċernat jew, fejn ikun xieraq, fis-sostituzzjoni ta' ftehim bilaterali eżistenti bejn Stat Membru u pajjiż terz bi ftehim Komunitarju. Għal dak il-għan l-Istati Membri kollha għandhom ikunu infurmati bi kwalunkwe notifika riċevuta mill-Kummissjoni dwar ftehim previst minn Stat Membru sabiex huma jkunu jistgħu juru l-interess tagħhom li jissieħbu fl-inizjattiva tal-Istat Membru li jkun bagħat in-notifika. Jekk, minn dan l-iskambju ta' informazzjoni, jirriżulta li jkun hemm interess Komunitarju suffiċjenti, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tipproponi mandat għan-negozjar bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità u l-pajjiż terz ikkonċernat.

(13) Jekk il-Kummissjoni titlob informazzjoni addizzjonali minn Stat Membru b'rabta mal-valutazzjoni tiegħu dwar jekk dak l-Istat Membru għandux jiġi awtorizzat li jiftaħ negozjati ma' pajjiż terz, tali talba m'għandhiex taffettwa l-limiti ta' żmien li fihom il-Kummissjoni għandha tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni ta' dak l-Istat Membru.

(14) Meta tkun qed tagħti l-awtorizazzjoni għall-ftuħ ta' negozjati formali, il-Kummissjoni għandha tkun tista', jekk ikun meħtieġ, tipproponi linji gwida għan-negozjar jew titlob li jiddaħħlu klawsoli partikolari fil-ftehim previst. Il-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata bis-sħiħ matul l-istadji differenti tan-negozjati safejn għandhom x'jaqsmu l-materji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha titħalla tipparteċipa bħala osservatriċi fin-negozjati fir-rigward ta' dawk il-materji.

(15) Meta jkunu qed jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jibdew negozjati ma' pajjiż terz, l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa biss li jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-elementi li huma ta' rilevanza għall-valutazzjoni li trid issir mill-Kummissjoni. L-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni u kwalunkwe linja gwida għan-negozjar possibbli jew, skont il-każ, iċ-ċaħda mill-Kummissjoni għandha tikkonċerna biss materji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(16) L-Istati Membri kollha għandhom jiġu infurmati bi kwalunkwe notifika lill-Kummissjoni dwar ftehimiet previsti jew innegozjati u dwar kwalunkwe deċiżjoni motivata mill-Kummissjoni taħt dan ir-Regolament. Informazzjoni bħal din, madankollu, għandha tkun konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità li jista' jkun hemm.

(17) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni identifikata bħala kunfidenzjali tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([1]).

(18) Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-valutazzjoni tagħha, ikollha l-intenzjoni li ma tawtorizzax il-ftuħ ta' negozjati formali jew il-konklużjoni ta' ftehim innegozjat, hija għandha, qabel ma tagħti d-deċiżjoni motivata tagħha, tagħti opinjoni lill-Istat Membru kkonċernat. Fil-każ ta' ċaħda ta' awtorizzazzjoni għall-konklużjoni ta' ftehim innegozjat l-opinjoni għandha tiġi ppreżentata wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(19) Sabiex jiġi żgurat li l-ftehim innegozjat ma jkunx jikkostitwixxi ostakolu għall-implimentazzjoni tal-politika esterna tal-Komunità dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali, il-ftehim għandu jipprevedi jew għad-denunzja totali jew parzjali tiegħu, fil-każ tal-konklużjoni ta' ftehim sussegwenti bejn il-Komunità jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda u l-istess pajjiż terz, min-naħa l-oħra, dwar l-istess suġġett, jew sostituzzjoni diretta tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim bid-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim sussegwenti.

(20) Għandhom jiġu previsti miżuri transitorji li jkopru sitwazzjonijiet fejn, fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, Stat Membru jkun diġà beda l-proċess li jinnegozja ftehim ma' pajjiż terz, jew ikun lesta n-negozjati iżda ma jkunx għadu esprima l-kunsens tiegħu li jintrabat bil-ftehim.

(21) Sabiex jiġi żgurat li nkisbet esperjenza biżżejjed dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar din l-applikazzjoni mhux qabel tmien snin wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. F'dak ir-rapport, il-Kumissjoni, fl-eżerċizzju tal-prerogattivi tagħha, għandha tikkonferma n-natura temporanja ta' dan ir-Regolament jew teżamina jekk dan ir-Regolament għandux jiġi sostitwit b'Regolament ġdid li jkopri l-istess suġġett jew li jinkludi wkoll materji oħra li jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità u rregolati minn strumenti Komunitarji oħrajn.

([1]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

(22) Jekk ir-rapport ippreżentat mill-Kummissjoni jikkonferma n-natura temporanja ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom xorta jkunu jistgħu, wara l-preżentazzjoni tar-rapport, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar negozjati li għaddejjin jew li diġà tħabbru bil-ħsieb li tinkiseb awtorizzazzjoni biex jinfetħu negozjati formali.

(23) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

(24) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda taw in-notifika taxxewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(25) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċedura li tawtorizza lil Stat Membru jemenda ftehim eżistenti, jew jinnegozja u jikkonkludi ftehim ġdid ma' pajjiż terz soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Din il-proċedura hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Komunità u tal-Istati Membri.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ftehimiet li jikkonċernaw materji li jaqgħu, kompletament jew parzjalment, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri [1] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment [2] safejn dawk il-materji jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika jekk il-Komunità tkun diġà kkonkludiet ftehim mal-pajjiż terz ikkonċernat dwar l-istess suġġett.

[1] ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1.
[2] ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "ftehim" għandu jfisser:

(a) ftehim bilaterali bejn Stat Membru u pajjiż terz;

(b) il-ftehimiet reġjonali msemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 59(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003, mingħajr preġudizzju għall-punt (c) tal-Artikolu 59(2) u għall-Artikolu 59(3) ta' dak ir-Regolament, u fl-Artikolu 69(3) tar-Regolament (KE) Nru 4/2009.

2. Fil-kuntest ta' ftehimiet reġjonali kif imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, kwalunkwe referenza f'dan ir-Regolament għal Stat Membru jew pajjiż terz għandha tinqara bħala referenza għall-Istati Membri jew pajjiżi terzi kkonċernati, rispettivament.

*Artikolu 3*

**Notifika lill-Kummissjoni**

1. Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jidħol f'negozjati sabiex jemenda ftehim eżistenti jew biex jikkonkludi ftehim ġdid li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miktub bl-intenzjoni tiegħu mill-aktar fis possibbli qabel il-ftuħ previst tan-negozjati formali.

2. In-notifika għandha tinkludi, kif ikun xieraq, kopja tal-ftehim eżistenti, l-abbozz tal-ftehim jew l-abbozz tal-proposta, u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra. L-Istat Membru għandu jiddeskrivi s-suġġett tan-negozjati u jispeċifika l-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati fil-ftehim previst, jew id-dispożizzjonijiet tal-ftehim eżistenti li għandhom jiġu emendati. L-Istat Membru jista' jipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali oħra.

*Artikolu 4*

**Valutazzjoni mill-Kummissjoni**

1. Mal-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-Istat Membru jistax jiftaħ negozjati formali.

2. Meta tagħmel dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha l-ewwel tivverifika jekk huwiex speċifikament previst xi mandat għan-negozjar rilevanti bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' ftehim Komunitarju mal-pajjiż terz ikkonċernat fl-24 xahar li jsegwu. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk ikunux ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-Istat Membru kkonċernat ikun ipprovda l-informazzjoni li turi li għandu interess speċifiku fil-konklużjoni tal-ftehim minħabba rabtiet ekonomiċi, ġeografiċi, kulturali, storiċi, soċjali jew politiċi bejn l-Istat Membru u l-pajjiż terz ikkonċernat;

(b) abbażi tal-informazzjoni provduta mill-Istat Membru, il-ftehim previst ma jidhirx li jirrendi ineffettiva l-liġi Komunitarja u li jimmina l-funzjonament tajjeb tas-sistema stabbilita b'dik il-liġi; u

(c) il-ftehim previst m'għandux jimmina s-suġġett u l-fini tal-politika Komunitarja dwar ir-relazzjonijiet esterni kif deċiż mill-Komunità.

3. Jekk l-informazzjoni provduta mill-Istat Membru ma tkunx biżżejjed għall-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali.

*Artikolu 5*

**Awtorizzazzjoni għall-ftuħ tan-negozjati formali**

1. Jekk il-ftehim previst jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-Kummissjoni għandha, fi żmien 90 jum minn meta tirċievi n-notifika msemmija fl-Artikolu 3, tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru li tawtorizzah jiftaħ negozjati formali dwar dak il-ftehim.

Fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida għan-negozjar u tista' titlob li jiġu inklużi klawsoli partikolari fil-ftehim previst.

2. Il-ftehim previst jinkludi klawsola li tipprevedi jew:

(a) denunzja sħiħa jew parzjali tal-ftehim fil-każ tal-konklużjoni ta' ftehim sussegwenti bejn il-Komunità jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-istess pajjiż terz, min-naħa l-oħra dwar l-istess suġġett; jew

(b) sostituzzjoni diretta tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim bid-dispożizzjonijiet ta' ftehim sussegwenti bejn il-Komunità jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-istess pajjiż terz, min-naħa l-oħra, dwar l-istess suġġett.

Il-klawsola msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi formulata fuq il-mudell li ġej: "(l-isem/ismijiet tal-Istat(i) Membru/i) għandu jiddenunzja dan il-Ftehim, parzjalment jew bis-sħiħ, jekk u meta l-Komunità Ewropea jew il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha jikkonkludu Ftehim ma' (l-isem/ismijiet tal-pajjiż(i) terz(i)) dwar l-istess materji ta' ġustizzja ċivili bħal dawk irregolati minn dan il-Ftehim".

Il-klawsola msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi formulata fuq il-mudell li ġej: "Dan il-ftehim jew ċerti dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim m'għandhomx jibqgħu applikabbli fil-jum li fih ikun daħal fis-seħħ Ftehim bejn il-Komunità Ewropea jew il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u (l-isem/ismijiet tal-pajjiż(i) terz(i)), min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-materji rregolati mill-ftehim tal-aħħar".

*Artikolu 6*

**Ċaħda tal-awtorizzazzjoni għall-ftuħ ta' negozjati formali**

1. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 4, il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li ma tawtorizzax il-ftuħ ta' negozjati formali dwar il-ftehim previst, hija għandha tagħti opinjoni lill-Istat Membru kkonċernat fi żmien 90 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3.

2. Fi żmien 30 jum mill-wasla tal-opinjoni tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tibda diskussjonijiet miegħu bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni.

3. Jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jitlobx lill-Kummissjoni biex tibda diskussjonijiet miegħu fil-limitu ta' żmien previst fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien 130 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3.

4. Fil-każ tad-diskussjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien 30 jum mill-għeluq tad-diskussjonijiet.

*Artikolu 7*

**Parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fin-negozjati**

Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa bħala osservatriċi fin-negozjati bejn l-Istat Membru u l-pajjiż terz fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jekk il-Kummissjoni ma tipparteċipax bħala osservatriċi, hija għandha tinżamm infurmata dwar il-progress u r-riżultati matul l-istadji differenti tan-negozjati.

*Artikolu 8*

**Awtorizzazzjoni għall-konklużjoni tal-ftehim**

1. Qabel l-iffirmar ta' ftehim innegozjat, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika l-eżitu tan-negozjati lill-Kummissjoni u għandu jitrasmettilha t-test tal-ftehim.

2. Mal-wasla ta' din in-notifika l-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-ftehim innegozjat:

(a) jirrispettax il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (b) tal-Artikolu 4(2);

(b) jirrispettax il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (c) tal-Artikolu 4(2), sakemm ikun hemm ċirkostanzi ġodda u eċċezzjonali fir-rigward ta' dik il-kondizzjoni; u

(c) jissodisfax ir-rekwiżit taħt l-Artikolu 5(2).

3. Jekk il-ftehim innegozjat jirrispetta l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha, fi żmien 90 jum minn meta tirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru li tawtorizzah jikkonkludi dak il-ftehim.

*Artikolu 9*

**Ċaħda tal-awtorizzazzjoni għall-konklużjoni tal-ftehim**

1. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 8(2), il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li ma tawtorizzax il-konklużjoni tal-ftehim innegozjat, hija għandha tagħti opinjoni lill-Istat Membru kkonċernat, kif ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fi żmien 90 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 8(1).

2. Fi żmien 30 jum mill-wasla tal-opinjoni tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tibda diskussjonijiet miegħu bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni.

3. Jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jitlobx lill-Kummissjoni biex tibda diskussjonijiet miegħu fil-limitu ta' żmien previst fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien 130 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 8(1).

4. Fil-każ tad-diskussjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tagħti deċiżjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien 30 jum mill-għeluq tad-diskussjonijiet.

5. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bid-deċiżjoni tagħha fi żmien 30 jum mid-deċiżjoni.

*Artikolu 10*

**Kunfidenzjalità**

Meta jipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikoli 3, 4(3) u 8, l-Istat Membru jista' jindika jekk xi informazzjoni għandhiex titqies bħala kunfidenzjali u jekk l-informazzjoni provduta tistax tinqasam ma' Stati Membri oħra.

*Artikolu 11*

**Għoti ta' informazzjoni lill-Istati Membri**

Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Istati Membri n-notifiki kollha li jkunu waslu skont l-Artikoli 3 u 8 u, jekk ikun meħtieġ, id-dokumenti supplimentari, kif ukoll id-deċiżjonijiet motivati kollha tagħha taħt l-Artikoli 5, 6, 8 u 9, soġġett għar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità.

*Artikolu 12*

**Dispożizzjonijiet transitorji**

1. Fejn, fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, Stat Membru jkun diġà beda l-proċess li jinnegozja ftehim ma' pajjiż terz, għandhom japplikaw l-Artikolu 3 sa 11.

Fejn l-istadju tan-negozjati jippermetti dan, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida għan-negozjati jew titlob l-inklużjoni ta' klawsoli partikolari, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 5(2) rispettivament.

2. Fejn, fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, Stat Membru jkun diġà kkonkluda n-negozjati iżda ma jkunx għadu kkonkluda l-ftehim, għandhom japplikaw l-Artikolu 3, l-Artikolu 8(2) sa (4) u l-Artikolu 9.

*Artikolu 13*

**Reviżjoni**

1. Mhux qabel is-7 ta' Lulju 2017 il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Dak ir-rapport għandu jew:

(a) jikkonferma li jkun xieraq li dan ir-Regolament jiskadi fid-data stabbilita skont l-Artikolu 14(1); jew

(b) jirrakkomanda li dan ir-Regolament jiġi sostitwit minn dik id-data b'Regolament ġdid.

3. Jekk ir-rapport jirrakkomanda li dan ir-Regolament jiġi sostitwit kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2, miegħu għandu jkun hemm proposta leġislattiva adatta.

*Artikolu 14*

**Skadenza**

1. Dan ir-Regolament għandu jiskadi tliet snin wara l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 13.

Il-perijodu ta' tliet snin imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jibda jiddekorri mill-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara l-aħħar preżentazzjoni tar-rapport jew lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill, skont liema jiġi wara.

2. Minkejja l-iskadenza ta' dan ir-Regolament fid-data stabbilita skont il-Paragrafu 1, in-negozjati kollha li jkunu għaddejjin f'dik id-data li Stat Membru jkun daħal fihom skont dan ir-Regolament għandhom jitħallew jissuktaw u jiġu kkompletati skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. BORG

## RETTIFIKA

**Rettifika għar-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 188, 18 ta' Lulju 2009)*

F'paġna 9, l-Artikolu 18, fl-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu

*flok:* "Għandu jibda japplika mis-7 ta' Awwissu 2009.",

*aqra:* "Għandu jibda japplika mill-31 ta' Diċembru 2012.".

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

(*) Il-prezz kull kopja:

| | | |
|---|---|---|
| | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT